LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.46

REGOLAMENTI DWAR IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI AMBJENTALI

22 ta’ Diċembru, 2017

L-AVVIŻ LEGALI 412 tal-2017, kif emendat bl-Att XXI tal-2020 u bl-Avviż Legali 448 u 455 tal-2020.

TAQSIMA I
INTERPRETAZZJONI U AMMINISTRAZZJONI

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali. Titolu u skop.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu u jwettqu d-dispożizzjonijiet:

(a) tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 Diċembru 2011 dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (kodifikazzjoni), kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta'April 2014; Direttiva 2011/92/ UE kif emendata permezz ta’ 2014/ 52/UE.

(b) tal-Konvenzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali (il-Konvenzjoni Espoo) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, u l-Ewwel u t-Tieni Emendi tagħha; u Konvenzjoni Espoo tal-UNECE u l-emendi tagħha.

(ċ) tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, fejn jolqtu l-koordinament tal-proċeduri ta’ valutazzjoni ambjentali li jirriżultaw mir-rekwiżiti tad-Direttivi tal-Kunsill 2014/52/UE, 92/43/KEE u liġijiet tal-Unjoni relatati. Regolament Nru 347/2013 tal-UE.

(3) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jipprovdu għal livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u ta’ saħħet il-bniedem, li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni effikaċi tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali fil-proċedura dwar il-permessi għal proġetti pubbliċi u privati, u li jiżguraw li dawk il-proġetti pubbliċi u jew privati li aktarx ikollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent jiġu valutati kif dovut qabel ma jingħata xi kunsens għall-iżvilupp. Għan.

2. F’dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx xort’oħra: Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent; Kap. 549.

"aġent" tfisser persuna li tirrappreżenta l-interessi tal-iżviluppatur, u tinkludi l-perit tal-iżviluppatur;

"area tas-sit" jew "medda" tfisser il-medda totali ta' art koperta

mill-proġett u l-istrutturi u l-interventi anċillari tiegħu, kif ukoll kull medda ta' art li aktarx tkun impenjata, fiżikament mibdula jew meħuda b'rabta ma' xi fażi tal-proġett jew inkella li tkun maqtugħa jew mifruda mill-madwar minħabba fih; u tinkludi l-art li se tkun okkupata minn bini, strutturi, btieħi, ġonna, rqajja' mdawrin bl-iżvilupp, spazji magħluqa, enklavi, spazji bejn binjiet jew strutturi, toroq, mogħdijiet, artijiet b'kisja artifiċjali, tħawwil u/jew interventi artifiċjali fil-pajsaġġ, kif ukoll artijiet oħra li se jintmessu b'xi mod simili; iżda teskludi kull art oħra li tinsab 'il hinn mil-limitu ta' barra nett tal-proġett u li b'ebda mod mhi se tkun affettwata mill-proġett u mill-interventi anċillari tiegħu, kemm jekk din l-art oħra tifforma parti mill-proprjetà tal-iżviluppatur u kemm jekk le;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif stabbilita taħt l-Att, u tinkludi kull persuna delegata jew ikkummissjonata minnha jew li b'xi mod ieħor taġixxi legalment f'isimha;

"awtorità responsabbli mill-permessi" tfisser kull awtorità pubblika li hija responsabbli mill-ħruġ, rifjut jew regolamentazzjoni ta' kwalunkwe kunsens għall-iżvilupp, u tinkludi kull persuna oħra li taġixxi legalment f'isimha;

"Bord ta' Reġistrazzjoni" tfisser il-Bord ta' Reġistrazzjoni stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Att;

"definizzjoni tal-ambitu" tfisser il-proċess li jistabbilixxi l-ambitu, il-firxa, u l-livell ta' dettall tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, u tinkludi l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali, linji bażi, żoni ġeografiċi ta' influwenza, metodoloġiji, l-alternattivi u l-impatti li għandhom jiġu kkunsidrati, u t-tħejjija tat-termini ta' riferiment;

"deskrizzjoni tal-proġett" tfisser dokument strutturat li jkun fih deskrizzjoni tas-sit u tal-proġett propost, f'dettall biżżejjed biex jippermetti l-identifikazzjoni tal-effetti u l-implikazzjonijiet li x'aktarx se jkun hemm fuq l-ambjent;

Direttiva 2011/92/UE kif emendata permezz ta' 2014/52/UE.

"Id-Direttiva" tfisser id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (kodifikazzjoni), kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014;

"diżmissjoni" tinkludi x-xogħlijiet kollha marbutin mal-waqfien jew mat-tneħħija ta' proġett u tal-infrastruttura anċillari tiegħu, bħal tneħħija ta' materjal minn fuq dik l-art, twaqqigħ jew żarmar, tneħħija ta' komponenti li jinsabu taħt l-art, u ripristinar jew restawr tal-post, u tinkludi wkoll l-interventi kollha temporanji bħall-istallazzjoni u t-tneħħija ta' lantijiet ta' kostruzzjoni, uffiċini fuq il-post, żoni ta' ħażna, impjant u makkinarju, arranġamenti ta' aċċess, jew faċilitajiet oħrajn

temporanji ancillari għalihom, kif ukoll kull konsum, ġestjoni jew żmaltiment ta’ materja prima u ta’ prodotti sekondarji li jirriżultaw minnhom;

"effett" tfisser effett fuq l-ambjent, u tinkludi:

(a) effetti diretti fuq l-ambjent, li huma kkaġunati minn xi proġett jew minn xi intervent jew azzjoni relatata;

(b) effetti indiretti u sekondarji fuq l-ambjent, ikkaġunati minn xi proġett jew minn xi interventi jew azzjonijiet relatati, li jistgħu jseħħu aktar tard jew aktar ’il bogħod, jew li jistgħu jseħħu indirettament minħabba: bidliet ikkaġunati mill-proġett jew intervent; spostament ta’ użi oħra; it-telfien ta’ opportunitajiet alternattivi minħabba l-użu jew impenn propost; jew l-interazzjoni tal-proġett jew intervent mal-elementi naturali jew ma’ forzi antropoġeniċi jew mal-ambjent tal-madwar;

(ċ) effetti kumulattivi fuq l-ambjent; u

(d) effetti fuq is-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem, il-kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi, il-wirt naturali u kulturali, u l-kwalità tal-ħajja, ikkaġunati minħabba tibdil fl-ambjent;

"estensjoni" tfisser kull żieda ma’ proġett, inkluż iżda mhux limitat għal, żidiet f’termini ta’ area totali, tul, għoli, fond, volum, kapaċità, teħid tal-art, skala jew intensità tal-użu;

"eżami tar-rilevanza" jew "eżami" tfisser id-deċiżjoni dwar jekk proposta għandhiex tkun soġġetta għal valutazzjoni tal-impatti ambjentali jew għal xi dispożizzjoni oħra ta’ dawn ir-regolamenti;

"fażi operattiva" tfisser il-perjodu li matulu l-proġett huwa totalment jew parzjalment utilizzat jew raġjonevolment lest biex jintuża;

"ġeoloġija" tfisser l-istudju xjentifiku tal-oriġini, l-istorja, l-istruttura, il-kontenut u l-kompożizzjoni tad-dinja, inklużi l-blat, il-minerali, l-għamliet tal-art, is-saffi, il-ħamrija, il-fossili u karatteristiċi oħra relatati, kif ukoll it-tibdil u l-proċessi fiżiċi, kimiċi u bioloġiċi li ħolquhom, iffurmawhom, sawwruhom, ħaffruhom jew affettwawhom jew inkella li jistgħu jħallu effetti bħal dawn fuqhom, u tinkludi wkoll il-litoloġija, il-petroloġija, l-istratigrafija, il-ġeomorfoloġija, il-paleontoloġija, l-idroġeoloġija, il-ħarsien ġeoloġiku u l-kunsiderazzjonijiet ġeotekniċi applikati għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"ħażna tal-pjan" tfisser l-ilmijiet kollha li jinsabu taħt l-art fil-formazzjonijiet ġeoloġiċi, u tinkludi ilmijiet fossili li jinsabu fil-fond;

"’il barra miż-żoni ta’ żvilupp " jew "ODZ" tfisser art ’il barra

mill-konfini ta' żona allokata għall-iżvilupp fi pjan regolatur li huwa attwalment approvat jew pjan lokali li huwa attwalment approvat;

"impatt" għandha l-istess tifsira bħal "effett";

"impatt transkonfinali" tfisser kull impatt, li jseħħ għal kollox jew parzjalment ġo Stat, li huwa kkaġunat minn proġett jew intervent li jinsab għal kollox jew parzjalment fi Stat ieħor;

"konsulent" tfisser espert li huwa kompetenti biżżejjed fil-qasam ambjentali rilevanti hekk kif ikun meħtieġ għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali;

"konsultati" tfisser entijiet tal-Gvern, kunsilli lokali, jew kull persuna, organizzazzjoni jew entità oħra, li l-Awtorità tista' titlob lill-koordinatur biex jikkonsulta, jew li l-Awtorità tista' tikkonsulta;

Konvenzjoni ta' Aarhus.

"il-Konvenzjoni ta' Aarhus" tfisser il-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti;

Konvenzjoni ta' Espoo.

"il-Konvenzjoni ta' Espoo" jew "il-Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali (il-Konvenzjoni ta' Espoo) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, u tinkludi l-Ewwel u t-Tieni Emendi tagħha;

"koordinatur" tfisser il-konsulent responsabbli mill-koordinament tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali;

"kostruzzjoni" tinkludi x-xogħlijiet kollha għat-tħejjija tas-sit għall-proġett u l-infrastruttura anċillari tiegħu, bħal tneħħija ta' materjal minn fuq dik l-art, tħaffir, twaqqigħ, żarmar, kostruzzjoni, twittija, stallazzjoni ta' komponenti taħt l-art u xogħlijiet ta' tlestija, u tinkludi wkoll l-interventi kollha temporanji bħall-istallazzjoni u t-tneħħija ta' lantijiet tal-kostruzzjoni, uffiċini fuq il-post, żoni ta' ħażna, impjant u makkinarju, arranġamenti għall-aċċess, jew faċilitajiet oħrajn temporanji anċillari għalihom, kif ukoll kull konsum, ġestjoni jew żmaltiment ta' materja prima u ta' prodotti sekondarji li jirriżultaw minnhom;

"kumulattivi" u "akkumulazzjoni" ifissru l-effetti kombinati ta' żewġ proġetti jew aktar, jew ta' partijiet minn proġetti, jew ta' proġett u l-linja bażi eżistenti, fuq l-ambjent, u jinkludu:

(a) effetti sinerġistiċi u antagonistiċi;

(b) żieda ma' effetti li attwalment diġà jinsabu fil-linja bażi; u

(ċ) l-impatti ta' żvilupp konsegwenti jew anċillari;

"kunsens għall-iżvilupp" jew "permess għall-iżvilupp" tfisser id-deċiżjoni tal-awtorità responsabbli mill-permessi li tintitola lill-iżviluppatur biex iwettaq il-proġett, kif ukoll kull kunsens ekwivalenti li joriġina minn ordni dwar l-iżvilupp jew minn xi strument ieħor;

"kunsill lokali" u "lokalità" għandhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fl-Att dwar Gvern Lokali; Kap. 363.

"laqgħa pubblika" tfisser laqgħa ta' konsultazzjoni miftuħa għall-pubbliku, organizzata bil-għan li jkunu spjegati d-dettalji tal-proġett jew intervent propost kif ukoll ir-riżultati tar-rapport tal-VIA, u biex tqanqal ir-reazzjonijiet tal-pubbliku preżenti;

"linja bażi" tfisser il-kundizzjonijiet ambjentali eżistenti fiż-żona sottoposta għall-valutazzjoni, bħala punt ta' riferiment li miegħu jitqabblu l-kambjamenti u l-effetti sabiex jitbassru, jitkejlu, jiġu analizzati u jitqiesu; u "stħarriġ dwar il-linja bażi" tfisser investigazzjoni, identifikazzjoni, kjarifika jew interpretazzjoni tagħha;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli mill-ambjent;

"pajsaġġ" tfisser il-karattru ġenerali ta' żona ġeografika u l-identità tal-post, bħala riżultat komplessiv tal-interazzjoni ta' fatturi naturali u/jew antropoġeniċi, u tinkludi l-karatteristiċi, forom, proċessi, sfondi u strutturi ambjentali, il-karatteristiċi fiżiċi u x-xenarju tal-post u r-rabtiet partikolari ta' ġeoloġija, ġeomorfoloġija, għamla tal-art, mases ta' ilma, ħamrija, veġetazzjoni, użi tal-art, suriet tal-għelieqi, insedjamenti tal-bniedem, storja, tradizzjonijiet lokali u fatturi oħra relatati;

"prinċipju kawtelativ" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att, u tinkludi b'mod speċifiku l-adozzjoni jew it-teħid ta' miżuri jew atteġġjamenti preventivi meta jkun hemm bażi raġjonevoli għal tħassib li jista' jseħħ theddid ta' ħsara potenzjalment sinjifikattiva jew potenzjalment irriversibbli għall-ambjent. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' ċertezza xjentifika m'għandhiex tintuża bħala raġuni jew skuża biex ikunu posposti miżuri li jevitaw, inaqqsu, jipprevjenu, jantiċipaw, jeliminaw, jikkontrollaw, ireġġgħu lura, isewwu jew b'xi mod ieħor jindirizzaw dak it-theddid jew ħsara lill-ambjent skont ma jkun rilevanti għall-proġett u l-post fejn jinsab;

"proġett" għandha l-istess tifsira bħal "żvilupp";

"protetta" tfisser kull żona, proprjetà, binja, sit, struttura, riżorsa naturali, karatteristika naturali jew wirt kulturali li hija b'mod speċifiku protetta, skedata jew nominata għall-protezzjoni jew ħarsien taħt l-Att, jew taħt xi liġi oħra, anke jekk fuq bażi temporanja jew provviżorja. Iżda l-preċinti tal-ajruport m'għandhomx jitqiesu bħala żona protetta minnha nnifisha minkejja li huma inklużi fil-lista ta' Santwarji tal-Għasafar fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal- L.S.549.42.

Għasafar Selvaġġi;

"pubbliku" tfisser persuna jew persuni, fiżiċi jew legali, kif ukoll assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew gruppi tagħhom li jkunu skont il-liġi nazzjonali;

"il-pubbliku interessat" tfisser il-pubbliku milqut, jew li x'aktarx li jiġi milqut, mill-proċeduri tat-tfassil tad-deċiżjonijiet ambjentali rilevanti għal dawn ir-regolamenti, jew inkella li għandu xi interess fihom, u tinkludi wkoll l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-ħarsien tal-ambjent u li jissoddisfaw ir-rekwiżiti legali rilevanti;

"rapport tal-VIA" tfisser id-dokument li fih ir-riżultati tal-investigazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-konsulenti jiġu ppreżentati mill-konsulenti b'mod koordinat lill-Awtorità, lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, lill-pubbliku u lill-pubbliku interessat, bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatti ambjentali;

"Reġistru" tfisser ir-reġistru tal-konsulenti stabbilit taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att;

"sinifikattiv" teħtieġ kunsiderazzjoni kemm tal-kuntest kif ukoll tal-intensità:

(a) il-kuntest jinkludi:

(i) il-post fejn qed ikun propost il-proġett, u l-inħawi ta’ madwaru;

(ii) il-pubbliku interessat u l-interessi materjali li għandhom rilevanza għall-ambjent;

(iii) l-aspetti tal-ambjent li x'aktarx jiġu affettwati;

(iv) il-kundizzjonijiet prevalenti fi, u l-istat tal-preservazzjoni ta', l-ambjent tal-madwar; u

(v) l-eżistenza ta’ xi speċi, ambjenti jew karatteristiċi li huma uniċi, ta’ valur, mhedda, rari fuq bażi nazzjonali jew lokalizzata; vulnerabbli jew fil-periklu ta’ estinzjoni; jew possibilment diġà estinti, li għandhom firxa ristretta fuq il-gżira, huma endemiċi għal sit mhedded, l-istat ta’ ħarsien tagħhom mhux magħruf, għandhom stat ta' ħarsien li mhux favorevoli, qegħdin jonqsu, jew inkella jinsabu f’xi riskju ieħor li jitilfu l-integrità tagħhom; filwaqt li

(b) l-intensità tfisser il-gravità tal-impatt, u teħtieġ kunsiderazzjoni tal-fatturi li ġejjin:

(i) jekk l-impatt huwiex ta’ benefiċċju, ħażin

jew newtrali;

(ii) kemm il-proġett jaffettwa l-kwalità tal-ambjent, jew jaffettwa is-saħħa jew is-sigurtà pubblika bħala konsegwenza tal-impatti tiegħu fuq l-ambjent;

(iii) il-vulnerabbiltà tal-ambjent tal-madwar u kemm dan l-ambjent kapaċi jirkupra mill-impatt;

(iv) kemm l-effetti possibbli fuq l-ambjent huma inċerti, jew jinvolvu riskji uniċi, mhux magħrufa jew ikkumplikati;

(v) kemm il-proġett jista' joħloq preċedent għal interventi futuri b'effetti potenzjalment sinifikattivi, jew inkella jfisser impenn bħala prinċipju dwar xi kunsiderazzjoni jew intervent fil-futur;

(vi) jekk il-proġett huwiex relatat ma' interventi oħra li l-impatti tagħhom mhumiex sinifikattivi jekk jitqiesu individwalment iżda huma sinifikattivi jekk jitqiesu flimkien;

(vii) jekk il-proġett jistax joħloq ħtieġa ta', jinvolvi, jikkawża, jattira, iservi ta' impenn lejn, ifixkel, jew jikkomprometti xi intervent ieħor relatat jew mhux relatat, hekk li l-implikazzjonijiet li jirriżultaw jistgħu joħolqu pressjonijiet indiretti fuq l-ambjent, ħdejn is-sit jew 'il bogħod minnu;

(viii) jekk il-proġett jew implikazzjonijiet diretti jew indiretti tiegħu jinvolvux xi theddida ta' vjolazzjoni ta' xi liġi, pjan, jew dispożizzjoni għall-protezzjoni jew il-ħarsien tal-ambjent, jew inkella xi theddida għal xi stat protettiv odjern jew għall-effikaċja tiegħu;

(ix) jekk il-proġett u l-effetti tiegħu humiex: permanenti jew temporanji (u, fl-aħħar istanza, it-tul tal-effett); riversibbli jew irriversibbli (u, fl-ewwel istanza, il-faċilità u l-fattibbiltà tat-treġġigħ lura b'mod sħiħ u l-livell ta' kunfidenza li biha jista' jiġi żgurat dan it-treġġigħ lura); għal żmien qasir, żmien medju jew fit-tul; u fuq medda qasira, b'firxa medja jew b'firxa wiesgħa; u

(x) il-firxa, l-intensità u l-qawwa tal-impatt fuq aspett jew aspetti ambjentali rilevanti għall-valutazzjoni;

"sit", "żona" jew "post" tfisser kwalunkwe żona ġeografika inkluż kull medda ta' art, medda ta' baħar jew massa tal-ilma, u tinkludi wkoll il-wiċċ tagħha, is-sottoswol u taħt l-art kif ukoll qiegħ il-baħar u l-arja tagħha kull fejn huwa rilevanti, u għandha tinkludi

wkoll proprjetà waħda jew aktar minn proprjetà waħda irrispettivament minn min hu s-sid;

"skrutinju" tfisser id-deċiżjoni dwar jekk proġett jaqax fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti;

"spazju komplessiv" tfisser l-area totali tal-pjani kollha magħduda flimkien tal-bini kif imkejjel minn barra mingħajr ma jitnaqqsu l-btieħi interni, l-ispazji ta' fuqhom jew il-ħxuna tal-ħitan interni jew esterni tal-bini, u tinkludi wkoll kull kantina, sotterran u bejt;

"spezzettar ta' proġett" tfisser il-frammentazzjoni jew qsim biċċa biċċa ta' proġett fi żviluppi iżgħar, b'tali mod li l-valutazzjoni sħiħa u xierqa tal-proġett kollu u tal-impatti ambjentali tiegħu ma tkunx possibbli jew tisfa mħassra, imxekkla, ippreġudikata, mgħawġa, evaża, ikkumplikata, jew inkella ma tkunx effikaċi, minħabba indikazzjoni sottovalutata, qarrieqa, mhux kompluta, ambigwa jew li tagħti indikazzjoni tardiva tal-iskala attwali, tal-karatteristiċi, tal-kuntest u jew l-implikazzjonijiet reali tal-proġett;

Konvenzjoni ta' Espoo.

"Stat" tfisser pajjiż li huwa membru tal-Unjoni Ewropea jew li huwa msieħeb fil-Konvenzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, u tinkludi kull medda ta' art jew baħar, massa ta' ilma u spazju ta' arja taħt il-ġurisdizzjoni dik il-pajjiż;

"studji tekniċi" tfisser l-istudji mħejjija mill-konsulenti għal aspetti partikolari tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, u tinkludi l-istħarriġ dwar il-linja bażi;

"supranazzjonali" tfisser fil-livell tal-Unjoni Ewropea, jew fil-livell ta' kwalunkwe konvenzjoni, protokoll, impenn, qbil jew obbligu internazzjonali, bilaterali jew multilaterali li jorbot lil Malta;

Kap.551.

"Tribunal" tfisser it-Tribunal kif definit fl-Att u fl-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar;

"valutazzjoni tal-impatti ambjentali" jew "VIA" tfisser il-proċess li jidentifika, ibassar, jivvaluta, jevita u jtaffi l-effetti ambjentali rilevanti ta' proġetti u interventi fiżiċi proposti qabel ma jsiru d-deċiżjonijiet u l-impenji rilevanti, u tinkludi, kif indikat f'aktar dettall f'dawn ir-regolamenti:

(a) it-tħejjija ta' rapport tal-VIA mill-iżviluppatur;

(b) it-twettiq ta' konsultazzjonijiet, fosthom konsultazzjonijiet ma' entijiet tal-Gvern u mal-pubbliku interessat;

(ċ) l-analiżi, mill-Awtorità, tar-rapport tal-VIA u ta' kull informazzjoni supplementari pprovduta jew riċevuta,

mingħand l-iżviluppatur jew permezz ta' konsultazzjonijiet;

(d) il-konklużjoni motivata tal-Awtorità dwar l-effetti sinifikattivi tal-proġett fuq l-ambjent, filwaqt li jitqiesu r-riżultati tal-analiżi msemmija fil-paragrafu (ċ) u l-analiżi supplimentari tagħha stess; u

(e) l-integrazzjoni tal-konklużjoni motivata tal-Awtorità fid-deċiżjoni dwar l-il-proġett jew f'xi deċiżjoni oħra rilevanti;

"żvilupp" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, iżda: Kap.552.

(a) proġett jew intervent li jaqa' taħt l-ambitu ta' dawn ir-regolamenti għandu xorta waħda jitqies bħala żvilupp li jeħtieġ analiżi jew valutazzjoni kif ukoll kunsens għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(b) bini, tħaffir, twaqqigħ, invellar, bidliet fiżiċi fis-sit, estrazzjoni ta' riżorsi minerali, it-tibdil fl-użu tal-art jew tal-istallazzjonijiet jew skemi oħra, kif ukoll interventi materjali oħra fil-madwar u fil-pajsaġġ għandhom jitqiesu bħala żvilupp; u

(ċ) il-kontinwazzjoni tal-operat ta' faċilità eżistenti li hija koperta kif dovut b'kunsens eżistenti u validu għall-iżvilupp, m'għandhiex titqies bħala żvilupp minnha nnifisha, dment li: (i) ma jkun hemm ebda tibdil, nuqqas, jew intervent miżjud meta mqabbel mal-kunsens attwali; (ii) l-faċilità ma tkunx se tibqa' teżisti għal żmien itwal minn dak li ġie vvalutat u awtorizzat; u (iii) l-faċilità ma tkunx se tokkupa medda ta' art akbar jew differenti;

"żvilupp konsegwenti" tfisser kull intervent miżjud jew bdil ulterjuri fl-użu tal-art jew inkella pressjoni għal aktar żvilupp, li joħroġ minn, li jsir meħtieġ, li jkun inkoraġġit minn, jew li jiskatta b'xi mod ieħor mill-proġett jew mill-operati anċillari tiegħu jew mill-interazzjoni tal-proġett mad-dintorni tiegħu jew ma' proċessi naturali jew tal-bniedem jew inkella ma' proġetti oħra; u

"żviluppatur" tfisser l-iżviluppatur li qed jitlob kunsens għall-iżvilupp jew li biħsiebu jwettaq il-proġett, u tinkludi entijiet privati u pubbliċi.

3. L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha tkun l-awtorità kompetenti responsabbli mill-amministrazzjoni, it-twettiq u l-infurzar ta' dawn ir-regolamenti, ħlief fejn jingħad mod ieħor f'dawn ir-regolamenti. Amministrazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

TAQSIMA II
EŻENZJONIJIET

Eżenzjonijiet: Difiża.

4. (1) L-Awtorità tista’ tiddeċiedi, skont il-każ, li ma tapplikax dawn ir-regolamenti għal proġetti, jew partijiet minn proġetti, li l-għan waħdieni tagħhom huwa d-difiża nazzjonali, sakemm ikun hemm dikjarazzjoni bil-miktub mill-Ministru responsabbli mid-difiża nazzjonali, li tgħid li l-applikazzjoni ta’ dawn ir-regolamenti tista’ twassal għall-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali li timmina l-iskopijiet tad-difiża. F’dik l-eventwalità, l-Awtorità għandha xorta tivvaluta l-konsegwenzi ambjentali tal-proġett safejn ikun raġjonevolment possibbli, u għandha tagħti parir f’waqtu lill-enti governattiv rilevanti dwar dan, iżda m’għandhiex tiżvela l-informazzjoni lill-pubbliku.

Rispons għall-emerġenzi ċivili.

(2) L-Awtorità tista’ tiddeċiedi, fuq skont il-każ, li ma tapplikax dawn ir-regolamenti għal proġetti, jew partijiet minn proġetti, li l-għan waħdieni tagħhom huwa r-rispons għall-emerġenzi ċivili, sakemm ikun hemm dikjarazzjoni bil-miktub mill-Ministru responsabbli għar-rispons għall-emerġenzi ċivili, li tgħid li l-applikazzjoni ta’ dawn ir-regolamenti jkollha effett ħażin fuq dawn il-finijiet. Fit-tali eventwalità, l-Awtorità għandha tagħti parir lill-enti governattiv rilevanti dwar xorta il-konsegwenzi ambjentali li l-proġett jista’ jkollu u dwar il-miżuri li jistgħu jittieħdu biex itaffuhom.

Proġetti adottati b'att leġiżlattiv nazzjonali speċifiku.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dawn ir-regolamenti u għat-Taqsima VII, proġett li jiġi adottat b'att leġiżlattiv nazzjonali speċifiku jista’ jkun eżentat mid-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konsultazzjoni pubblika li huma stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, dment li l-għanijiet ta’ dawn ir-regolamenti jiġu soddisfatti u l-proġett kif sottomess ikun sostanzjalment l-istess bħal dak li ġie adottat mill-att in kwistjoni. Il-Ministru għandu jinforma lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea b'kull eżenzjoni bħal din mill-inqas kull sentejn, mis-16 ta’ Mejju 2017 ’il quddiem.

Każijiet eċċezzjonali li jistħoqqilhom eżenzjoni.

5. (1) Bla ħsara għat-Taqsima VII, l-Awtorità tista’, f'każijiet eċċezzjonali, teżenta proġett speċifiku mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, fejn l-applikazzjoni ta’ dawk id-dispożizzjonijiet tkun se tolqot ħażin l-għan tal-proġett, sakemm l-għanijiet ta' dawn regolamenti jiġu soddisfatti. F'każ bħal dan l-Awtorità għandha, b’mod tempestiv qabel ma jingħata kunsens:

(a) tikkunsidra jekk tkunx xierqa xi forma oħra ta' valutazzjoni;

(b) tagħmel disponibbli lill-pubbliku interessat it-tagħrif miksub permezz ta’ forom oħra ta’ valutazzjoni msemmija fil-paragrafu (a), l-informazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tagħti l-eżenzjoni, ir-raġunijiet għall-għoti ta' eżenzjoni, u t-termini, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet tal-eżenzjoni; u

(ċ) tinforma lill-Ministru li ntuża dan is-subregolament, u tipprovdilu r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-eżenzjoni u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi (a) u (b).

(2) Il-Ministru għandu jinforma lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea dwar dan, malli tasallu din l-informazzjoni u qabel ma jingħata l-kunsens għall-iżvilupp.

TAQSIMA III
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Ħtieġa għal kunsens għall-iżvilupp u għal Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali jew Eżami tar-Rilevanza.
Emendat: A.L. 455 tal-2020.

6. (1) Qabel ma jingħata kunsens għal xi proġett li aktarx ikollu effetti sinifikattivi fuq l-ambjent minħabba, fost oħrajn, in-natura, id-daqs, l-iskala jew il-pożizzjoni tiegħu jew minħabba l-post fejn se jkun jinsab, dan il-proġett għandu jkun soġġett għal ħtieġa ta' kunsens għall-iżvilupp kif ukoll għal valutazzjoni tal-effetti tiegħu fuq l-ambjent skont dawn ir-regolamenti. M'għandu jingħata ebda kunsens għall-iżvilupp li jawtorizza kwalunkwe proġett, kemm-il darba ma tkunx twettqet il-valutazzjoni jew eżami meħtieġa kif suppost, u konkluża b'mod konformi ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, konformi ma' dawn ir-regolamenti, għandhom jiġu integrati fil-proċedura tal-kunsens għall-iżvilupp skont ir-regolamenti rilevanti u fi kwalunkwe proċedura jew deċiżjoni vinkolanti oħra skont ma jkun meħtieġ għall-osservanza ta' dawn ir-regolamenti, jew inkella jistgħu jiġu sinkronizzati mal-proċeduri u deċiżjonijiet li l-Awtorità jidhrilha li huma l-aktar xierqa sabiex ikun żgurat li l-implikazzjonijiet ambjentali tal-proġett jitqiesu b'mod effikaċi u f'waqthom u jkunu integrati b'mod adegwat fid-deċiżjonijiet rilevanti.

Aspetti li għandhom jiġu indirizzati fil-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali.

7. (1) Il-valutazzjoni tal-impatti ambjentali għandha tidentifika, tiddeskrivi u tevalwa b'mod xieraq l-effetti sinifikattivi ta' kull proġett individwali, kemm jekk diretti kif ukoll jekk indiretti, fuq il-fatturi segwenti, kif dettaljat aktar fl-Iskedi:

(a) il-popolazzjoni u saħħet il-bniedem;

(b) il-biodiversità u l-ekoloġija, b'attenzjoni partikolari iżda mhux biss għall-ispeċi u l-ambjenti protetti taħt liġijiet oħra nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea, fost oħrajn ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u r-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali; L.S.549.42. L.S.549.44.

(ċ) l-ambjent fiżiku, l-art, il-ħamrija, l-ilma, l-arja u l-klima;

(d) ir-riżorsi materjali, il-wirt kulturali u l-pajsaġġ;

(e) l-interazzjoni bejn il-fatturi msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) ta' hawn fuq.

(2) L-effetti msemmija fis-subregolament (1) fuq il-fatturi elenkati taħt l-istess subregolament għandhom jinkludu wkoll l-effetti li jistgħu jirriżultaw mill-vulnerabilità tal-proġett għal riskji ta' inċidenti kbar jew diżastri li huma rilevanti għall-proġett jew għall-post fejn jinsab.

Dispożizzjoni-jiet supplementari dwar valutazzjonijiet ambjentali oħra.
L.S. 549.44.
L.S. 549.61.
L.S. 549.76.
L.S. 549.77.
L.S. 549.100.

8. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jgħoddu minkejja, u bla ħsara għal, kull valutazzjoni oħra li tinħtieġ bil-liġi inkluża, iżda mhux biss, xi valutazzjoni taħt: ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali; ir-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika; ir-Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali; ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali; ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma; u liġijiet oħra rilevanti.

L.S. 549.44.

(2) Meta valutazzjoni tal-effetti ta' proġett fuq l-ambjent tkun meħtieġa wkoll mir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, l-Awtorità għandha, fejn hekk ikun xieraq, tikkoordina l-valutazzjonijiet individwali tal-impatti ambjentali ta' proġett partikolari sabiex bl-aħjar mod tissoddisfa r-rekwiżiti ta' dik il-liġi kif ukoll ta' dawn ir-regolamenti. L-Awtorità tista' wkoll tadotta dan l-approċċ koordinat fil-konfront tal-liġijiet imsemmija fis-subregolament (1). F'kull każ, l-Awtorità għandha titqies bħala l-awtorità kompetenti għall-valutazzjoni koordinata.

Valutazzjonijiet diġà eżistenti.

(3) Sabiex tinkiseb sinerġija aħjar u biex tkun evitata duplikazzjoni:

(a) valutazzjoni tal-impatti ambjentali jew eżami tar-rilevanza għandha tqis l-informazzjoni li toħroġ minn, u r-riżultati ta', valutazzjonijiet ambjentali oħra li diġà saru skont dawn ir-regolamenti jew taħt il-liġijieti identifikati fis-subregolament (1), safejn ikunu rilevanti u disponibbli u dment li għadhom validi; u

(b) valutazzjoni skont il-liġijiet identifikati fis-subregolament (1) għandha tqis l-informazzjoni li toħroġ minn, u r-riżultati ta', valutazzjonijiet tal-impatti ambjentali, li diġà twettqu taħt dawn ir-regolamenti, safejn ikunu rilevanti u disponibbli u dment li għadhom validi.

Iżda, fiż-żewġ każijiet (a) u (b) ta' hawnhekk, il-valutazzjoni odjerna m'għandhiex tkun ristretta minħabba l-kontenut, il-limitazzjonijiet jew l-eżitu tal-valutazzjoni ta' qabel u lanqas m'għandha tkun obbligata li taqbel magħhom jew li toqgħod fuqhom.

Proċeduri għall-proġetti ta' interess komuni.

9. (1) B'konformità mar-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 347/2013 dwar il-linji gwida għall-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija, l-Awtorità għandha tiżgura li għall-Proġetti ta' Interess Komuni kif definit fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament, il-proċeduri għall-valutazzjonijiet ambjentali li joħorġu mir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti, tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, u ta' kull regolament settorali ieħor rilevanti, skont ma jkun xieraq, għandhom jitwettqu b'dak il-mod li jwassal għal konformità mar-regolament 19 tar-Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Proċedura ta' Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Relattiva).

L.S.549.42.
L.S. 549.44.
L.S. 552.13.

Proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta Proġetti ta' Interess Komuni aktarx li jkollhom impatti transkonfinali.

(2) Meta l-Ministru isir jaf li Proġett ta' Interess Komuni f'Malta x'aktarx li jkollu effetti sinifikattivi fuq l-ambjent fi Stat ieħor, jew meta xi Stat aktarx li jiġi affettwat b'mod sinifikattiv, id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) għandhom jgħoddu wkoll flimkien mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VII. Il-valutazzjoni għandha tieħu wkoll in kunsiderazzjoni l-Konvenzjoni ta' Espoo u l-Konvenzjoni ta' Aarhus, skont ma jkun rilevanti.

TAQSIMA IV
KRITERJI GĦALL-EŻAMI TAR-RILEVANZA JEW VALUTAZZJONI

Kategorija I tal-Iskeda I: Valutazzjoni tal-impatti ambjentali obbligatorja.

10. (1) Bla ħsara għar-regolament 31, kull proposta għal xi żvilupp elenkat taħt il-Kategorija I tal-Iskeda I għandha teħtieġ valutazzjoni tal-impatti ambjentali.

Kategorija II tal-Iskeda I: Eżami tar-rilevanza obbligatorju.

(2) Soġġett għas-subregolament (1) u bla ħsara għar-regolament 31, kull proposta għal xi żvilupp elenkat taħt il-Kategorija II tal-Iskeda I għandha teħtieġ eżami tar-rilevanza min-naħa tal-Awtorità.

Proġetti oħra li jeħtieġu valutazzjoni tal-impatti ambjentali jew eżami tar-rilevanza fuq bażi ta' każ b'każ.

(3) L-Awtorità tista' tesiġi valutazzjoni tal-impatti ambjentali jew eżami tar-rilevanza għal proġett li ma jkunx inkluż fl-Iskeda I jekk tkun tal-fehma li l-proġett jista' jkollu impatti ambjentali sinifikattivi u li applikazzjoni normali għall-kunsens għall-iżvilupp jew valutazzjoni oħra għajr kif provdut b'dawn ir-regolamenti mhix biżżejjed biex dawn jitqiesu sew. Biex tasal għal din l-esiġenza, l-Awtorità għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Iskeda III.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3) għandhom jgħoddu wkoll, *mutatis mutandis*, għal proġetti li mhumiex inklużi fl-Iskeda I u li normalment ma jeħtiġux valutazzjoni tal-impatti ambjentali iżda li, fil-fehma tal-Awtorità, jistgħu jħallu effetti ambjentali sinifikattivi minħabba akkumulazzjoni ma' proġetti oħra eżistenti u/jew approvati.

Ħtiega ta' valutazzjoni tal-impatti ambjentali jew eżami tar-rilevanza għal fatti kompluti.

(5) Waqt l-eżami tar-rilevanza jew valutazzjoni, għandhom jgħoddu d-dispożizzjonijiet segwenti:

(a) il-ħtieġa ta' valutazzjoni tal-impatti ambjentali jew eżami tar-rilevanza għandha tibqa' tgħodd minkejja li xi żvilupp jew xi intervent rilevanti jkun diġà twettaq kompletament jew parzjalment mingħajr il-permess meħtieġ, jew jekk is-sit jew l-ambjent ta' madwaru jkun safa materjalment mibdul, danneġġjat jew degradat. L-iżviluppi, interventi, bidliet, ħsarat jew degrad ta' din ix-xorta li jistgħu jkunu jeżistu fuq il-post, kif ukoll kwalunkwe impatt ambjentali konsegwenti, m'għandhomx jitqiesu bħala linja bażi valida u għandhom jitqiesu bħala parti mill-proġett għall-finijiet tal-valutazzjoni jew eżami rilevanti, b'tali mod li ma jinkiseb minnhom ebda vantaġġ indebitu; u

(b) meta xi aspett tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali jew tal-eżami tar-rilevanza, jew il-merti ambjentali sħaħ tal-każ jew xi miżura rilevanti biex jittaffa l-impatt, ikunu ġew preġudikati b'mod sinifikattiv, jew ma jibqgħux effikaċi minħabba dak l-iżvilupp illegali, intervent, bdil, ħsara jew degrad, l-Awtorità tista' wkoll tirrakkomanda lill-awtorità responsabbli mill-ħruġ tal-permessi li tiżgura li d-deċiżjonijiet li jittieħdu dwar il-proġett ma jkunux aktar favorevoli għall-persuna responsabbli għal, jew inkella li tibbenefika minn, l-illegalità jew it-tagħwiġ milli kieku l-valutazzjoni tal-impatti ambjentali saret kif suppost mingħajr dik l-illegalità jew tagħwiġ.

Spezzettar ta' proġetti.

(6) Proġett li jeħtieġ, jew jista' jeħtieġ, valutazzjoni tal-impatti ambjentali jew eżami tar-rilevanza m'għandux ikun spezzettat fi proġetti iżgħar jekk dan ikun:

(a) iwassal għall-omissjoni jew evażjoni tal-valutazzjoni komplessiva meħtieġa għall-proġett sħiħ, jew ta' xi ħtieġa oħra li toħroġ minn dawn ir-regolamenti; jew

(b) jolqot ħażin l-integrità, l-effikaċja, it-trasparenza, il-konsistenza, il-fattibiltà jew it-tempestività tal-valutazzjoni jew eżami, jew ta' xi deċiżjoni, konsultazzjoni jew impenn dwar il-proġett; jew

(ċ) b'xi mod jagħti indikazzjoni qarrieqa jew sottovalutata tan-natura reali tal-proġett, l-iskala jew il-firxa tiegħu, il-mod kif il-proġett aktarx jevolvi, jew l-implikazzjonijiet tal-proġett; jew

(d) iwassal għal xi deċiżjoni jew impenn prematur jew imsejjes fuq informazzjoni insuffiċjenti;

Iżda l-qsim ta' proġett f'fażijiet *in bona fede*, jew is-subdiviżjoni tal-proġett f'applikazzjonijiet ikkoordinati ma' xulxin

għall-finijiet ta' titjib fl-ipproċessar, ma għandux jitqies li jaqa' fl-ambitu ta' dan is-subregolament jekk l-Awtorità tkun soddisfatta li s-sottomissjonijiet relattivi jagħtu indikazzjoni raġonevolment komprensiva, ġusta u trasparenti tal-proġett sħiħ u tal-implikazzjonijiet reali tiegħu, b'tali mod li kemm il-valutazzjoni kif ukoll id-deċiżjonijiet u l-konsultazzjonijiet rilevanti jkunu jistgħu jsiru fil-kuntest xieraq tagħhom u l-problemi identifikati fil-paragrafi (a) sa (d) ma jkunux rilevanti.

(7) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (6) għandhom, jgħoddu wkoll *mutatis mutandis*, għal ġabra ta' proġetti li jiddipendu fuq xulxin, għandhom rabtiet ma' xulxin jew inkella huma fiżikament sovrapposti, jew li jsegwu wieħed mill-ieħor.

TAQSIMA V
PROĊEDURI GĦALL EŻAMI TAR-RILEVANZA U GĦALL VALUTAZZJONI

Skrutinju.

11. L-Awtorità għandha, fl-ewwel waqt xieraq tal-proċess, twettaq skrutinju sabiex tiddeċiedi jekk proġett sottomess għall-kunsiderazzjoni tagħha jaqax taħt dawn ir-regolamenti. Dan ir-regolament għandu jgħodd kemm jekk f'dak il-waqt hemm applikazzjoni għall-kunsens għall-iżvilupp u kemm jekk le, dment li l-Awtorità tkun soddisfatta li hemm informazzjoni biżżejjed għal skrutinju xieraq, u bla ħsara għal kull kunsiderazzjoni, kwistjoni u oġġezzjoni ulterjuri li l-Awtorità jista' jkollha fuq il-proġett. L-eżitu ta' dak l-iskrutinju jista' jiġi kkomunikat bil-miktub lill-iżviluppatur jew lill-awtorità responsabbli mill-permessi, jew lit-tnejn li huma, skont ma jkun rilevanti. Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (4) tar-regolament 15 għandhom jgħoddu wkoll, *mutatis mutandis*, għall-iskrutinju.

Deskrizzjoni tal-proġett.
Emendat: A.L. 455 tal-2020.

12. (1) Kemm-il darba l-iskrutinju mwettaq mill-Awtorità juri li l-proġett jikkwalifika għal valutazzjoni tal-impatti ambjentali jew għal eżami tar-rilevanza, għandha tinħtieġ deskrizzjoni tal-proġett li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Iskeda II, jekk il-proġett ikun se jiġi kkunsidrat ulterjorment.

(2) Id-deskrizzjoni tal-proġett għandha tkun sottomessa mill-iżviluppatur jew mill-konsulent imqabbad minnu, fuq talba ta', jew qbil ma', l-Awtorità, u għandha:

(a) tipprovdi tagħrif dwar il-karatteristiċi tal-proġett u tas-sit, u dwar l-impatti li huma mistennija fuq l-ambjent, kif indikat aktar fid-dettall fl-Iskeda II;

(b) jkkunsidra, skont ma jkun rilevanti, ir-riżultati disponibbli ta' valutazzjonijiet ambjentali oħra kif indikat fis-subregolament (1) tar-regolament 8; u

(ċ) jidentifika karatteristiċi u miżuri li huma ntiżi biex jevitaw jew jipprevjenu impatti sinifikattivi ta' dannu

għall-ambjent.

(3) Id-deskrizzjoni tal-proġett tista' tinkludi wkoll informazzjoni oħra rilevanti skont ma jkun raġjonevolment meħtieġ jew xieraq sabiex l-eżami tar-rilevanza jsir kif suppost, filwaqt li jiġi evitat kontenut li ma jżid ebda valur għal, jew inkella li jista' jgħawweġ, l-eżami tar-rilevanza jew xi valutazzjoni eventwali. L-Awtorità tista' wkoll tesiġi li xi informazzjoni jew kontenut bħal dawn jiġu sottomessi, mneħħija, korretti jew emendati, u tista' wkoll tordna li dawk il-bidliet ikunu parti mid-deskrizzjoni tal-proġett jew inkella bħala dokument separat.

(4) L-iżviluppatur għandu jkun responsabbli li jiżgura li l-informazzjoni fid-deskrizzjoni tal-proġett tagħti rappreżentazzjoni kompluta u leali tal-proġett, tas-sit, u tal-bidliet mistennija f'kull sit milqut mill-proġett u mill-ħtiġijiet anċillari tiegħu. Id-deskrizzjoni tal-proġett għandha tirrispekkja kif jixraq il-verżjoni finali tal-proġett u għandha tkun konsistenti mal-applikazzjonijiet rilevanti għall-kunsens għall-iżvilupp u viċe-versa.

(5) Jekk deskrizzjoni tal-proġett mitluba mill-Awtorità ma tiġix sottomessa kif provdut fis-subregolamenti (2) sa (4) jew ma tkunx għas-sodisfazzjon tal-Awtorità, l-Awtorità tista' tinforma jew tfakkar lill-iżviluppatur dwar dan, jew tista' tapplika d-dispożizzjonijiet tar-regolament 31, kif jidhrilha li hu raġjonevoli u xieraq.

(6) L-Awtorità għandha tagħmel id-deskrizzjoni tal-proġett disponibbli għall-pubbliku permezz tas-sit elettroniku tagħha u għandha tindika b'mod ċar:

(*a*) l-awtorità responsabbli għall-proċess ta' valutazzjoni tal-impatti ambjentali;

(*b*) in-natura tad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu; u

(*ċ*) l-awtoritajiet responsabbli għad-deċiżjonijiet dwar il-kunsens għall-iżvilupp.

Stħarriġ dwar għażliet alternattivi.

13. Kull fejn ikun rilevanti, il-proġetti li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti għandhom jeħtieġu stħarriġ inizjali li jkun dettaljat biżżejjed u raġjonevolment eżawrjenti tal-alternattivi li jistgħu jkunu xierqa, abbażi tal-merti tekniċi, tal-fattibbiltà u tal-implikazzjonijiet u impatti ambjentali tagħhom, sabiex jkun semplifikat u ottimizzat il-proċess tal-valutazzjoni sussegwenti.

Eżami tar-rilevanza dettaljat.

14. (1) L-Awtorità għandha twettaq eżami tar-rilevanza, abbażi tal-informazzjoni provduta fid-deskrizzjoni tal-proġett u kwalunkwe tagħrif jew stħarriġ ieħor li l-Awtorità tqis xierqa. L-eżami tar-rilevanza għandu jistabbilixxi jekk proġett li jaqa' fl-ambitu tar-regolament 10 (iżda li mhux kopert mill-Kategorija I tal-Iskeda I) hux mistenni li jkollu effetti sinifikattivi fuq l-ambjent meta jitqiesu l-

kriterji rilevanti elenkati fl-Iskeda III, jekk tinħtieġx valutazzjoni tal-impatti ambjentali, u jekk għandhomx jgħoddu xi dispożizzjonijiet oħra ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Sabiex tasal għall-eżitu tal-eżami tar-rilevanza, l-Awtorità tista' tieħu kont ta' kull kunsiderazzjoni jew parametru skont ma tqis li hu xieraq u raġjonevoli, dment li tkun tal-fehma li jekk il-proġett se jkun ikkunsidrat ulterjorment:

(a) huma realistiċi, fattibbli, affidabbli, suffiċjenti, infurzabbli u taħt il-kontroll effettiv tal-iżviluppatur; u

(b) id-dispożizzjonijiet kollha meħtiega biex ikun żgurat it-twettiq effikaċi tagħhom jistgħu jkunu debitament indirizzati fl-għoti sussegwenti ta' xi kunsens għall-iżvilupp.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-applikabilità tar-regolamenti 31 u 32, jekk l-eżami ta' rilevanza jikkonkludi li ma hi meħtieġa ebda valutazzjoni tal-impatti ambjentali, il-kunsiderazzjonijiet u parametri li kellhom influwenza fuq l-eżami jistgħu jiffurmaw parti integrali mir-rakkomandazzjonijiet tal-Awtorità dwar il-proġett.

Eżitu ta' eżami tar-rilevanza.

15. (1) L-Awtorità għandha tinforma bil-miktub lill-iżviluppatur bl-eżitu tal-eżami tar-rilevanza sa mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li tirċievi d-deskrizzjoni tal-proġett imħejjija kif suppost skont ir-regolament 12. F'każijiet relatati max-xorta, il-kumplessità, il-post jew id-daqs tal-proġett, fost oħrajn, l-Awtorità tista' testendi dik l-iskadenza, dment li tgħarraf lill-iżviluppatur bil-miktub u tagħti raġunijiet għall-estensjoni u tindika data raġjonevoli meta huwa mistenni l-eżitu tal-eżami tar-rilevanza.

(2) Ladarba l-Awtorità tinnotifika lill-iżviluppatur li l-proġett jeħtieġ valutazzjoni tal-impatti ambjentali skont dawn ir-regolamenti, l-iżviluppatur għandu, fi żmien 30 jum kalendarju min-notifika u sakemm ma jiddeċiedix li jikkontesta dan l-eżitu quddiem it-Tribunal skont it-Taqsima X, jinforma lill-Awtorità bil-miktub li se jwettaq il-valutazzjoni tal-impatti ambjentali fi żmien raġjonevoli li għandu jiġi speċifikat b'mod ċar mill-iżviluppatur u għandu jkun soġġett għall-qbil min-naħa tal-Awtorità. Jekk l-iżviluppatur ma josservax dan is-subregolament, għandhom jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) tar-regolament 6, bla ħsara għar-regolament 31.

(3) L-eżitu tal-eżami tar-rilevanza għal proġetti li mhumiex koperti mill-Kategorija I tal-Iskeda I, inklużi kull ġustifikazzjoni għalih u kull kundizzjoni, premessa u parametru anċillari, għandu jkun ippubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità, b'mod li jingħadu wkoll, b'riferiment għall-kriterji rilevanti elenkati fl-Iskeda III:

(a) jekk tinħtieġ valutazzjoni tal-impatti ambjentali, ir-raġunijiet ewlenin għat-tali ħtieġa; u

(b) jekk ma tkunx meħtieġa valutazzjoni tal-impatti ambjentali, ir-raġunijiet ewlenin għaliex din mhix meħtieġa, kif ukoll il-karatteristiċi jew miżuri ewlenin proposti mill-iżviluppatur biex jevitaw jew jipprevjenu effetti sinifikattivi ħżiena fuq l-ambjent, kif ukoll kull kundizzjoni oħra importanti li l-Awtorità tqis rilevanti.

(4) Kull tibdil materjalment sinifikattiv li jsir fil-proġett wara li jkun diġà nħareġ l-eżitu tal-eżami tar-rilevanza għandu *ipso facto* jinvalida l-eżitu tal-eżami jekk l-informazzjoni, il-kunsiderazzjonijiet u l-premessi li fuqhom kien imsejjes l-eżami tar-rilevanza ma jibqgħux validi jew ma jibqgħux soddisfatti skont ma l-Awtorità tqis xieraq. Kull impenn, ħtieġa jew eżenzjoni li tirriżulta, jew li titqies li tkun irriżultat, mill-eżitu tal-eżami tar-rilevanza invalidat għandha tiskadi wkoll *ipso facto*. L-awtorità responsabbli mill-permessi għandha tiżgura li, f'każ ta' tibdil bħal dan jew jekk hemm inċertezza raġjonevoli dwar jekk xi bdil jaqax fl-ambitu ta' dan is-subregolament, jew jekk l-Awtorità titlob dan, il-proġett ikun riferut mill-ġdid lill-Awtorità biex tikkonferma jekk l-eżitu li nħareġ qabel dwar l-eżami tar-rilevanza għadux validu jew le. Jekk l-Awtorità tħoss li l-eżitu tal-eżami tar-rilevanza preċedenti m'għadux jgħodd, minfloku għandu jgħodd l-eżitu aġġornat tal-eżami flimkien ma' kull terminu ġdid jew emendat kif maħruġ mill-Awtorità.

(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1), (2) u (3) għandhom jgħoddu wkoll *mutatis mutandis* fil-konfront ta' kull eżitu ta' eżami aġġornat skont is-subregolament (4).

Definizzjoni tal-ambitu: termini ta' riferiment.
Emendat:
A.L. 455 tal-2020.

16. (1) Wara li l-iżviluppatur ikun issoddisfa s-subregolament (2) tar-regolament 15, l-Awtorità għandha tniedi d-definizzjoni tal-ambitu. It-termini ta' riferiment għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali għandhom ikunu msejsa fuq l-informazzjoni stabbilita fl-Iskeda IV, u għandhom jispeċifikaw l-informazzjoni li tkun meħtieġa biex tintlaħaq konklużjoni informata dwar l-effetti sinifikattivi tal-proġett fuq l-ambjent filwaqt li jitqies l-eżitu tal-eżami tar-rilevanza. Il-valutazzjoni tal-impatti ambjentali għandha, bil-ħsieb li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-valutazzjonijiet kif ukoll biex tottimizza l-kwalità tal-valutazzjoni, tqis l-informazzjoni li tinsab fi, u r-riżultati ta', valutazzjonijiet ambjentali u studji oħra rilevanti li saru skont dawn ir-regolamenti jew taħt xi liġi oħra, dment li dik l-informazzjoni tkun rilevanti u disponibbli b'mod raġjonevoli u tkun għadha xierqa.

(2) L-Awtorità għandha tistieden lil:

(i) entijiet tal-Gvern skont mal-Awtorità tqis rilevanti;

(ii) il-kunsilli lokali responsabbli għall-lokalitajiet fejn huwa propost li jsir il-proġett, inkluża l-infrastruttura anċillari tiegħu;

(iii) kunsilli lokali oħra li fil-fehma tal-Awtorità x'aktarx li jintlaqtu mill-proġett jew mill-infrastruttura anċillari tiegħu; u

(iv) il-pubbliku, u l-pubbliku interessat;

biex, sa 30 jum kalendarju minn dik in-notifika, jagħtu rakkomandazzjonijiet u ġustifikazzjonijiet raġunati anċillari fuq kwalunkwe kwistjoni rilevanti li jistħoqqilha tkun inkluża fit-termini ta' riferiment. L-Awtorità għandha tinforma wkoll lill-iżviluppatur bil-miktub dwar l-ismijiet u l-indirizzi tal-entijiet tal-Gvern u l-kunsilli lokali hekk notifikati. L-Awtorità għandu jkollha l-jedd li ddaħħal kwalunkwe rakkomandazzjoni li tidħol fit-termini ta' riferiment tagħha, kif ukoll li tadottaha parzjalment jew tiskartaha, skont ma tqis li jkun l-aktar xieraq. L-Awtorità tista' wkoll titlob aktar kjarifiki jew informazzjoni mingħand il-partijiet imsemmija qabel.

Laqgħat dwar id-definizzjoni tal-ambitu.

(3) Qabel ma jiġu ffissati t-termini ta' riferiment, l-Awtorità tista' ssejjaħ:

(i) laqgħa dwar definizzjoni tal-ambitu, jew aktar minn laqgħa waħda bħal din, meta kwalunkwe parti tkun tal-fehma li l-proġett propost huwa sinjifikattiv ħafna minħabba x-xorta, l-iskala, il-post, il-propjetajiet perikolużi tiegħu jew raġunijiet oħra; u jew

(ii) laqgħa, jew laqgħat, bejn l-Awtorità u l-iżviluppatur, u l-ispejjeż raġjonevoli ta' dawn il-laqgħat, jekk ikun hemm, għandhom jitħallsu mill-iżviluppatur.

(4) Wara dawn il-konsultazzjonijiet, l-Awtorità għandha tħejji abbozz tat-termini ta' riferiment għar-rapport tal-VIA. L-Awtorità għandha tagħti lill-iżviluppatur u lill-koordinatur, jekk ikun diġà nħatar skont dawn ir-regolamenti, l-opportunità li jipproponi emendi għalihom sabiex ikunu kkunsidrati mill-Awtorità. Wara dan, l-Awtorità għandha toħroġ it-termini ta' riferiment finali għall-valutazzjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u għal kull rekwiżit jew modifika ulterjuri fi stadju aktar tard fid-dawl tal-iżvolġiment u s-sejbiet tal-valutazzjoni nnifisha.

(5) L-Awtorità għandha tikkomunika kopja tat-termini ta' riferiment finali lill-iżviluppatur. It-termini ta' riferiment finali għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali għandhom ikunu wkoll aċċessibbli għall-pubbliku permezz tas-sit elettroniku tal-Awtorità mingħajr dewmien.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (2) sa (5), l-Awtorità tista' tadatta jew timmodifika t-termini ta' riferiment, bil-ġustifikazzjoni dovuta, fi kwalunkwe waqt skont il-kunsiderazzjonijiet ambjentali rilevanti għall-proġett, u d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jgħoddu. L-

informazzjoni mogħtija lill-pubbliku skont is-subregolament (5) għandha tiġi aġġornata mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn ħmistax (15)-il ġurnata mill-adozzjoni jew modifika tat-termini ta' riferiment.

Kummissjonar ta' rapporti tal-VIA.

17. (1) L-iżviluppatur għandu jkun responsabbli għall-ikkummissjonar tar-rapport tal-VIA skont dawn ir-regolamenti.

Konsulenti għall-valutazzjoni.

(2) Il-konsulenti involuti fil-preparazzjoni tar-rapport tal-VIA għandhom ikunu professjonisti, indipendenti u imparzjali, u għandhom ikunu esperti kompetenti kif suppost fl-oqsma rispettivi tal-valutazzjoni. Il-konsulenti għandhom ikunu reġistrati skont id-dispożizzjonijiet tal-Att ġaladarba dak il-mekkaniżmu ta' reġistrazzjoni jkun ġie fis-seħħ, u għandhom ukoll isegwu r-regolamenti, proċeduri, regoli u linji gwida stabbiliti mill-Awtorità u mill-Bord ta' Reġistrazzjoni. Il-konsulenti għandhom jitmexxew u jkunu ġestiti minn koordinatur, li għandu jkun responsabbli għall-kontenut globali u l-preżentazzjoni tar-rapport tal-VIA.

(3) Il-konsulenti għandu jkollhom l-obbligu li jiffirmaw dikjarazzjoni li m'għandhom ebda kunflitt ta' interessi li jista' jaffettwa xi aspett kopert minn dawn ir-regolamenti. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun konformi mat-termini u l-ispeċifiki li tkun stabbiliet l-Awtorità.

Rapport tal-VIA.

18. (1) Ir-rapport tal-VIA għandu jkopri r-rekwiżiti kollha stabbiliti fit-termini ta' riferiment maħruġa mill-Awtorità, u għandu jinkludi tal-anqas:

(a) deskrizzjoni tal-proġett, li tkun tinkludi tagħrif dwar id-disinn, id-daqs u karatteristiċi oħra rilevanti;

(b) deskrizzjoni tas-sit tal-proġett u tal-inħawi ta' madwaru, inklużi l-karatteristiċi ambjentali tagħhom;

(ċ) deskrizzjoni tal-effetti sinifikattivi li l-proġett aktarx li jkollu fuq l-ambjent;

(d) deskrizzjoni tal-karatteristiċi tal-proġett u/jew il-miżuri intiżi sabiex jevitaw, jipprevjenu jew inaqqsu u, jekk ikun possibbli, jegħlbu l-effetti sinifikattivi ta' dannu li jista' jkun hemm fuq l-ambjent;

(e) deskrizzjoni tal-alternattivi raġjonevoli li ġew studjati, li huma rilevanti għall-proġett u għall-karatteristiċi speċifiċi tiegħu, u indikazzjoni tar-raġunijiet ewlenin għall-għażla li tkun saret, wara li jitqiesu l-effetti tal-proġett fuq l-ambjent; u

(f) kull informazzjoni ulterjuri stabbilita fl-Iskeda IV li tkun rilevanti għall-proġett u għall-karatteristiċi ambjentali li aktarx jiġu affettwati.

(2) Ir-rapport tal-VIA għandu:

(a) jkun bil-Malti jew bl-Ingliż, jew bit-tnejn li huma, skont ma jkun l-aktar xieraq b'rabta man-natura tal-proġett, il-kuntest tas-sit, il-pubbliku interessat u r-rilevanza internazzjonali jew transkonfinali;

(b) jkun fih sommarju mhux tekniku tal-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1), li għandu jkun dokument separat ippreżentat kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż; u

(ċ) jelenka l-ismijiet tal-konsulenti u l-kontributuri responsabbli għat-tħejjija tar-rapport tal-VIA, l-istudji tekniċi, l-appendiċi, is-sommarju mhux tekniku u l-komponenti l-oħra tar-rapport, hekk li tidentifika b'mod ċar il-kontributi u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

(3) L-istudji tekniċi għandhom jinthemżu mar-rapport tal-VIA bħala appendiċi jew annessi.

Kontroll tal-kwalità.

(4) Il-konsulenti għandhom jiżguraw l-integrità professjonali u xjentifika, il-veraċità, il-koerenza, il-konkretezza, it-trasparenza, il-kompletezza u l-effikaċja tal-kontenut, tad-diskussjonijiet, tal-analiżi u tar-rakkomandazzjonijiet li hemm fir-rapport tal-VIA. Għal dan il-għan, il-konsulenti għandhom ikunu responsabbli li jiżguraw li, fost oħrajn:

(a) l-analiżi hija ppreżentata b'mod ċar, imparzjali, intelliġibbli u faċli għall-utent, fl-għamla ta' sommarju, tabella, grafika, mappa, diagramma jew stampa u b'mod deskrittiv, kif ikun xieraq;

(b) it-tekniki u l-metodi użati fl-analiżi u fit-tbassir huma deskritti b'mod ċar;

(ċ) tintuża metodoloġija xierqa, fost oħrajn li l-investigazzjonijiet, sondaġġi u t-teħid ta' kampjuni jsiru f'waqthom u jkunu ta' durata u frekwenza xierqa, u jaħsbu għall-varjazzjonijiet staġjonali li jistgħu jkunu rilevanti, sabiex tkun żgurata stampa rappreżentattiva u kompleta biżżejjed tal-impatti li x'aktarx li jseħħu;

(d) il-premessi u l-kundizzjonalitajiet kollha, u r-raġunament li huma msejsin fuqu, kif ukoll kull diffikultà li tinqala' u kull informazzjoni rilevanti li mhix sħiħa, hija nieqsa, mhix ċara jew mhix disponibbli ġew indikati b'mod ċar u speċifiku, huma raġjonevoli u realistiċi, u huma limitati għall-minimu permezz ta' investigazzjoni xierqa;

(e) ir-riferimenti kollha għal xogħlijiet ippubblikati u għas-sorsi ta' tagħrif huma rikonoxxuti kif jixraq, b'tali mod li

jagħmluha possibbli li jkun hemm aċċess għas-sors, kif ukoll verifika, analiżi u jew kontestazzjoni tiegħu skont ma jkun rilevanti;

(f) ir-rapporti varji li jikkostitwixxu r-rapport tal-VIA huma miktuba b'tali mod li huma koordinati ma' xulxin u ppreżentati b'mod koerenti;

(g) ir-rapport tal-VIA ma jkunx limitat għal deskrizzjoni fattwali tas-sitwazzjoni u l-evoluzzjoni proġettata tagħha, u jidentifika b'mod ċar il-konsegwenzi ambjentali mistennija; u

(h) ir-rakkomandazzjonijiet huma tanġibbli, speċifiċi u jistgħu tabilħaqq jitwettqu, mhumiex dipendenti fuq fatturi li l-iżviluppatur m'għandux kontroll fuqhom, u verament jindirizzaw l-impatti, ir-riskji u l-inċertezzi identifikati b'mod effikaċi.

(5) Jekk xi tagħrif bħal dan ma jistax realistikament jinkiseb jew inkella jista' jinkiseb biss b'mod limitat, il-konsulenti għandhom jinkludu fir-rapport tal-VIA:

(a) ġustifikazzjoni għala dan it-tagħrif mhux komplut jew mhux disponibbli, kif ukoll spjegazzjoni tar-rilevanza ta' dan it-tagħrif; u

(b) sommarju tal-evidenza kredibbli li teżisti, jew inkella kwalunkwe stħarriġ alternattiv imsejjes fuq metodi teoriċi, estrapolazzjoni jew interpolazzjoni, jew metodi ta' riċerka li huma ġeneralment aċċettati fil-komunità xjentifika li jkun jikkostitwixxi bażi alternattiva raġjonevoli għall-valutazzjoni.

(6) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (4) u (5) m'għandhomx iżommu lill-Awtorità milli tivverifika l-ġustifikazzjoni għal xi limitazzjoni preżunta, u lanqas milli tesiġi li limitazzjonijiet mhux ġustifikati jiġu rimedjati.

Kummissjonar ta' valutazzjoni mill-Awtorità.

(7) F'każ li l-Awtorità jkollha xi dubju raġjonevoli u sinifikattiv dwar il-kwalità, is-sufficjenza jew l-imparzjalità tar-rapport tal-VIA jew ta' xi parti minnu, jew xi tħassib sinifikattiv ieħor li ma jistax jiġi indirizzat b'mod effikaċi u skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 21, l-Awtorità tista' tikkummissjona valutazzjoni indipendenti bl-ispejjeż għall-iżviluppatur u tista' tistabbilixxi termini ta' żmien skont ma tqis li jkun xieraq għal dan il-għan. L-Awtorità għandha tinforma lill-iżviluppatur bl-intenzjoni tagħha qabel dan l-ikkummissjonar, u għandha tistaqsi bil-miktub lill-iżviluppatur jekk jixtieqx jipproċedi bil-valutazzjoni jew le. Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 6 għandhom jgħoddu, *mutatis mutandis*.

(8) L-Awtorità għandha tiżgura li għandha, jew għandha aċċess għal, perizja biżżejjed biex tanalizza, tivverifika u teżamina r-rapport tal-VIA u kwalunkwe dokumentazzjoni oħra rilevanti għal dawn ir-regolamenti.

Perizja disponibbli lill-Awtorità.

(9) L-entijiet tal-Gvern u l-kunsilli lokali għandhom jagħmlu disponibbli lill-konsulenti, jekk jintalbu mill-iżviluppatur jew mill-konsulenti, kull informazzjoni li jkollhom fil-pussess tagħhom u li tista' tkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, iżda m'għandhomx jinħtieġu li jiżvelaw ebda informazzjoni li, skont xi liġi jew xi kodiċi ta' prattika, hija meqjusa bħala kunfidenzali jew sigrieta. Il-korp li jforni l-informazzjoni skont dan is-subregolament jista' jitlob ħlas raġjonevoli li jkopri l-ispejjeż biex tingħata l-informazzjoni, u l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-iżviluppatur. Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament għandhom jgħoddu wkoll, *mutatis mutandis*, għal kull valutazzjoni skont is-subregolament (7).

Disponibbiltà ta' informazzjoni mill-entijiet tal-Gvern u kunsilli lokali.

(10) Minkejja l-kontenut tat-termini ta' riferiment, l-Awtorità tista', fi kwalunkwe stadju tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, titlob mingħand l-iżviluppatur, mingħand il-koordinatur, mingħand xi enti ieħor tal-Gvern, mingħand kull persuna oħra jew mingħand kombinazzjoni ta' dawn, kull informazzjoni jew komunikazzjoni supplementari li hija rilevanti biex tasal għal konklużjoni motivata dwar il-proġett u dwar l-effetti sinifikattivi tiegħu fuq l-ambjent.

19. (1) Meta jiġi uffiċjalment sottomess ir-rapport tal-VIA lill-Awtorità, l-avviżi li jindikaw dik is-sottomissjoni għandhom jiġu ppubblikati mill-iżviluppatur f'tal-anqas gazzetta waħda bil-Malti u oħra bl-Ingliż li jinħarġu kuljum jew darba fil-ġimgħa, u mill-Awtorità fuq is-sit elettroniku tagħha. L-avviżi għandhom ikunu skont il-linji gwida maħruġa mill-Awtorità u għandhom ukoll josservaw kull rekwiżit ieħor stabbilit mill-Awtorità, u għandhom jistabbilixxu żmien ta' mhux inqas minn tletin (30) jum kalendarju li matulu r-rapport tal-VIA għandu jkun disponibbli għall-ispezzjoni u għall-kummenti bil-miktub li għandhom jintbagħtu lill-Awtorità.

Sottomissjoni tar-rapport tal-VIA. *Emendat: A.L. 455 tal-2020.*

(2) Ir-rapport tal-VIA għandu jkun disponibbli għal l-awtoritajiet u l-entitajiet li x'aktarx ikunu interessati dwar il-proġett inkwistjoni minħabba r-responsabilitajiet ambjentali speċifiċi tagħhom u speċifikament lill-:

(a) l-entijiet rilevanti tal-Gvern;

(b) il-kunsill lokali li huwa responsabbli mil-lokalità fejn ikun propost il-proġett;

(ċ) kunsilli lokali oħra li fil-fehma tal-Awtorità x'aktarx jintlaqtu mill-proġett jew mill-ħtiġiet anċillari tiegħu; u

(d) il-pubbliku, u l-pubbliku interessat;

fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità u fl-uffiċċji tal-Awtorità fejn ikun

xieraq, permezz ta' kwalunkwe mezz addizzjonali ieħor skont ma l-Awtorità tista' tistabbilixxi u tista' tiġi spezzjonata matul iż-żmien stipulat skont is-subregolament (1) f'dawk il-ġranet u matul dawk il-ħinijiet li l-Awtorità jidhrulha xierqa.

(3) L-ispejjeż kollha li jintefqu fit-twettiq ta' dan ir-regolament għandhom jitħallsu mill-iżviluppatur.

Laqgħa pubblika.
Emendat:
A.L. 448 tal-2020.

20. (1) Wara li jiskadi t-terminu ta' żmien stabbilit fis-subregolament 19(1), l-Awtorità għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex issir laqgħa pubblika f'post adattat, fi ħdan l-istess lokalità fejn qed ikun propost il-proġett iżda mhux fil-proprjetà tal-iżviluppatur. F'din il-laqgħa, il-pubbliku jista' jikkummenta fuq, u jistaqsi dwar, ir-rapport tal-VIA kif ukoll dwar il-proġett propost u l-impatti tiegħu, u jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni u kjarifiki rilevanti:

Iżda f'każ ta' pandemija, epidemija, diżastru naturali, kunflitt armat, dikjarazzjoni ta' emerġenza nazzjonali jew periklu pubbliku, jew kwalunkwe avveniment ieħor ta' forza maġġuri, tali laqgħa pubblika tista' alternattivament issir bl-użu ta' mezzi elettroniċi jew mezzi vijabbli oħra ta' komunikazzjoni kif l-Awtorità tqis xieraq, u kwalunkwe laqgħa pubblika li ssir bl-użu ta' dawn il-mezzi għandha jkollha l-istess effett fil-liġi bħal laqgħa li saret fiżikament;

(2) L-Awtorità għandha tavża dwar il-laqgħa pubblika mill-inqas ħmistax-il jum kalendarju qabel il-laqgħa, u għandha tindika d-data, il-ħin u l-post tal-laqgħa, permezz ta' reklam ippubblikat f'mill-anqas gazzetta waħda bil-Malti u oħra bl-Ingliż li jinħarġu kuljum jew darba fil-ġimgħa. L-avviż għandu jingħata wkoll fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità.

(3) L-Awtorità jew persuna li taġixxi f'isimha għandha tippresjedi l-laqgħa pubblika u għandha tikkoordina l-proċeduri tagħha, u għandha tagħti opportunità raġjonevoli lil kull persuna preżenti matul il-laqgħa biex tieħu sehem skont is-subregolament (1).

(4) L-ispejjeż kollha marbuta mat-twettiq ta' dan ir-regolament għandhom jitħallsu mill-iżviluppatur.

(5) Il-koordinatur għandu jiżgura, safejn huwa raġjonevolment possibbli, li l-konsulenti rilevanti huma disponibbli għal-laqgħa, jew li jsiru arranġamenti alternattivi xierqa biex jingħataw tagħrif u risposti xierqa lill-pubbliku li jkun preżenti għal-laqgħa.

(6) Kull meta laqgħa pubblika hija meħtieġa skont dan ir-regolament:

(a) l-Awtorità għandha tirreġistra kif dovut il-kummenti, il-mistoqsijiet u r-rikjesti li jkunu saru waqt il-laqgħa pubblika; u

(b) il-pubbliku jista' jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri bil-miktub lill-Awtorità sa sebat ijiem kalendarji wara l-laqgħa pubblika.

(7) Bla ħsara għar-regolament 10, id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) sa (6) m'għandhomx jgħoddu għal valutazzjonijiet tal-impatti ambjentali mwettqa għal proġetti li ma jinsabux fil-Kategorija I tal-Iskeda I, sakemm l-Awtorità ma tkunx tal-fehma li xorta waħda għandha ssir laqgħa pubblika.

Reġistrazzjoni u segwitu tal-kummenti.

21. (1) Is-sottomissjonijiet, kummenti, mistoqsijiet u talbiet sottomessi jew irreġistrati skont ir-regolamenti 19 u 20 għandhom jinġabru f'rapport mill-Awtorità u jintbagħtu lill-koordinatur għar-risposta tiegħu. Ir-risposta tal-koordinatur għandha tingħata lill-Awtorità, u l-Awtorità tista' hi stess tqajjem kunsiderazzjonijiet ulterjuri, u jew tirriferi r-risposta lil entijiet pubbliċi oħrajn jew lill-pubbliku interessat għall-informazzjoni, kummenti jew gwida ulterjuri skont ma tħoss li hu rilevanti. Ir-rapport li jinkludi t-tweġibiet kollha rilevanti għandu jiġi ppreżentat f'appendiċi mehmuż mar-rapport tal-VIA.

(2) Ir-rapport tal-VIA jista' jiġi rivedut ulterjorment sabiex jindirizza l-kunsiderazzjonijiet materjali li joħorġu mis-subregolament (1), u l-verżjoni li tirriżulta b'dan il-mod għandha titqies bħala r-rapport tal-VIA konkluż. Kulfejn l-Awtorità tqis xieraq għall-finijiet ta' semplifikazzjoni u trasparenza, tista' taċċetta jew tesiġi li dawk ir-reviżjonijiet jiġu sottomessi bħala appendiċi supplementari mehmuż mar-rapport tal-VIA, minflok jiġi sottomess mill-ġdid ir-rapport tal-VIA kollu kemm hu.

Kopji tar-rapport tal-VIA.
Emendat: A.L. 455 tal-2020.

22. (1) Il-koordinatur għandu jissottometti lill-Awtorità dak l-għadd ta' kopji diġitali u stampati tar-rapport tal-VIA konkluż li l-Awtorità tista' tistabbilixxi b'mod raġjonevoli.

(2) L-Awtorità għandha żżomm tal-anqas kopja waħda diġitali u oħra stampata tar-rapport tal-VIA konkluż, u ta' kull dokument uffiċjali li għandu x'jaqsam miegħu.

(3) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni ulterjuri ta' dawn ir-regolamenti, ir-rapport tal-VIA konkluż, inkluż kull appendiċi skont ir-regolament 21(2), għandu jkun disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn ħmistax (15) –il ġurnata minn meta jkun tlesta. Din id-dispożizzjoni għandha tgħodd bla ħsara għar-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent u, fejn mhux regolat speċifikament minn dawk ir-regolamenti, mal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

L.S. 549.39.

Kap. 496.

(4) L-Awtorità tista' tirriproduċi jew tikkwota l-kontenut tar-rapport tal-VIA konkluż, u ta' kull verżjoni preċedenti li ġiet sottomessa lilha.

Valutazzjoni finali tal-Awtorità.
Emendat: A.L. 455 tal-2020.

23. (1) L-Awtorità għandha tanalizza r-rapport tal-VIA konkluż u għandha tħejji l-valutazzjoni finali tagħha. L-Awtorità għandha tieħu deċiżjoni fil-pubbliku u tagħti l-opportunità lill-applikant u lill-pubbliku biex jagħmlu kummenti u rappreżentazzjonijiet. Il-pożizzjoni tal-Awtorità għandha tkun disponibbli pubblikament fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn ħmistax (15)-il ġurnata minn meta tkun ġiet finalizzata. Bla ħsara għar-regolament 32A, ir-rapporti kollha rilevanti dwar l-applikazzjoni għall-permess li jitħejjew mill-awtorità responsabbli mill-permessi skont id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet rilevanti għandhom jinkludu kunsiderazzjoni xierqa tal-pożizzjoni tal-Awtorità, u riferiment ċar għaliha.

(2) Sabiex tipprepara u tasal għall-pożizzjoni finali tagħha, l-Awtorità għandha tqis kif xieraq il-konklużjonijiet milħuqa fir-rapport tal-VIA mħejji mill-konsulenti u kwalunkwe dokument anċillari, kif ukoll il-kummenti li tirċievi mill-pubbliku interessat fi kwalunkwe stadju tal-proċess skont dawn ir-regolamenti, u kwalunkwe kunsiderazzjoni ambjentali oħra li tista' tkun rilevanti. Bħala parti mill-valutazzjoni finali tagħha, l-Awtorità għandha tagħti raġunijiet dettaljati dwar jekk taqbilx jew le, totalment jew parzjalment, mal-konklużjoni milħuqa mill-konsulenti fir-rapport.

(3) Kull meta l-Awtorità tqis li l-informazzjoni disponibbli mhix biżżejjed għat-teħid b'mod aċċettabbli ta' deċiżjoni dwar il-proġett, jew kull meta l-Awtorità tqis li l-fattur ta' riskju jew il-fattur ta' periklu, jew it-tnejn li huma, huma għoljin wisq, l-Awtorità għandha tadotta l-prinċipju kawtelativ. Dan is-subregolament għandu jgħodd minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 18.

(4) Ir-rapport tal-Awtorità għandu jinkludi wkoll is-sottomissjonijiet u r-risposti kollha rilevanti tal-konsultazzjonijiet, u l-minuti tal-laqgħat ta' konsultazzjoni, bħala appendiċi jew annessi. Tali dokumenti, inkluż kull appendiċi, għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku skont is-subregolament (1).

TAQSIMA VI
SOSPENSJONI, RIATTIVAZZJONI, AĠĠORNAMENT U TWAQQIF TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATTI AMBJENTALI

Sospensjoni ta' valutazzjoni tal-impatti ambjentali jew eżami tar-rilevanza.

24. (1) Bla ħsara għar-regolament 31, l-Awtorità tista' tissospendi l-proċess ta' valutazzjoni tal-impatti ambjentali, inkluż kull eżami tar-rilevanza, fi kwalunkwe stadju jekk:

(a) fil-fehma tagħha, il-proposta tal-proġett jew is-sitwazzjoni fuq il-post, jew it-tnejn li huma, ġew modifikati jew aġġornati b'mod sostanzjali b'tali mod li d-dettalji li bħalissa qed jiġu valutati jew eżaminati huma ssuperati, superfluwi, skaduti, insuffiċjenti jew m'għadhomx jirrispekkjaw is-sitwazzjoni attwali; jew

(b) jinstab xi difett sinifikattiv, prattika ħażina jew tagħwiġ fil-konfront tal-valutazzjoni jew eżami diġà mibdija, jew fil-konfront tas-sitwazzjoni fuq il-post, jew fil-konfront tat-tnejn li huma.

(2) Fi kwalunkwe stadju wara s-sospensjoni skont is-subregolament (1), l-Awtorità tista', hekk kif jidhrilha li hu l-aktar xieraq wara li jitqiesu l-fatturi li wasslu għas-sospensjoni:

Riattivazzjoni u azzjonijiet oħra wara s-sospensjoni.

(a) tattiva l-ipproċessar mill-ġdid; jew

(b) tattiva l-ipproċessar mill-ġdid bla ħsara għall-aġġornamenti jew korrezzjonijiet meħtieġa; jew

(ċ) tordna li l-proċess jitkompla minn stadju aktar bikri; jew

(d) tordna eżaminar tar-rilevanza jew definizzjoni tal-ambitu ulterjuri skont dawn ir-regolamenti, jew it-tnejn li huma; jew

(e) tuża d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 6, 31 jew 33, jew kombinazzjoni tagħhom; jew

(f) tadotta kombinazzjoni tal-miżuri elenkati hawn fuq.

(3) Kull fejn l-Awtorità tkun tal-fehma li l-kuntest ambjentali tal-proġett jew is-sitwazzjoni fuq is-sit inbidlu materjalment wara t-tlestija ta' valutazzjoni tal-impatti ambjentali, tista':

Aġġornament ta' valutazzjonijiet tal-impatti ambjentali, u valutazzjonijiet mill-ġdid.

(a) tesiġi li l-valutazzjoni eżistenti jew xi dokumentazzjoni relatata tiġi aġġornata kif imiss għas-soddisfazzjon tagħha, jew li jiġu sottomessi xi dokumenti ulterjuri għas-soddisfazzjon tagħha. L-Awtorità għandha tiddeċiedi, skont ma jidhrilha hi, jekk il-proġett jistħoqqlux eżami tar-rilevanza mill-ġdid jew definizzjoni tal-ambitu mill-ġdid, jew it-tnejn li huma; jew

(b) tesiġi li ssir valutazzjoni ġdida skont dawn ir-regolamenti sabiex tieħu post il-valutazzjoni antikwata. Il-valutazzjoni l-ġdida għandha ssegwi l-proċeduri normali stabbiliti f'dawn ir-regolamenti għall-proġett li qed jiġi kkunsidrat, u għaldaqstant għandhom ikunu meħtieġa kemm l-eżami tar-rilevanza kif ukoll id-definizzjoni tal-ambitu.

(4) Il-valutazzjoni tal-impatti ambjentali għandha titqies li ntemmet b'mod awtomatiku jekk:

Tmiem ħesrem ta' valutazzjonijiet tal-impatti ambjentali.

(a) l-applikazzjoni rilevanti għall-kunsens għall-iżvilupp tkun ġiet miċħuda jew skartata skont il-liġi; jew

(b) il-valutazzjoni tal-impatti ambjentali tkun is-segwitu ta' xi permess, liċenzja, konċessjoni jew impenn li fil-frattemp skada, jew ġie revokat jew invalidat jew ġie annullat minn Qorti stabbilita bil-liġi; jew

(ċ) xi sottomissjoni mitluba mill-Awtorità, li tkun materjalment rilevanti għall-valutazzjoni, tkun għadha pendenti minkejja li jkunu għaddew mill-inqas sentejn kalendarji.

F'dak il-każ, m'għandha tinħtieġ ebda azzjoni ulterjuri mill-Awtorità, u d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) tar-regolament 6 u t-Taqsima IX għandhom jgħoddu *ipso facto*.

(5) Jekk, fil-fehma tal-Awtorità, xi valutazzjoni tal-impatti ambjentali tkun qed tieħu żmien irraġjonevolment twil li jkun aktar minn ħames (5) snin biex tiġi konkluża kif suppost jew ikun hemm kwalunkwe dewmien mhux ġustifikat, l-Awtorità tista' tinterrompi dik il-valutazzjoni sommarjament u għandha tinforma lill-iżviluppatur dwar dan bil-miktub, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom jgħoddu wkoll, *mutatis mutandis*, għad-deskrizzjoni tal-proġett u għal kwalunkwe dokumentazzjoni oħra ppreżentata, jew mitluba, skont dawn ir-regolamenti.

TAQSIMA VII
Impatti transkonfinali

Impatti transkonfinali ta' proġetti f'Malta.

25. (1) Meta l-Ministru jkun jaf illi proġett f'Malta jista' jkollu effetti sinifikattivi fuq l-ambjent fi Stat ieħor, jew inkella meta Stat ieħor li jista' jiġi affettwat jitlob hekk skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jew tal-Konvenzjoni, il-Ministru għandu jinnotifika lil dak l-Istat, kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn meta l-pubbliku f'Malta jkun infurmat skont dawn ir-regolamenti, u għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni dwar il-proġett u l-post tiegħu, flimkien mal-informazzjoni disponibbli dwar l-impatti transkonfinali li jistgħu jseħħu;

(b) informazzjoni dwar ix-xorta tad-deċiżjonijiet possibbli; u

(ċ) kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Ministru jidhirlu li hija raġjonevoli, il-Ministru għandu wkoll jagħti lil dak l-Istat, li minn hawn 'il quddiem qed jissejjaħ "l-istat interessat", tletin (30) jum kalendarju biex jindika jekk jixtieqx jieħu sehem fil-proċeduri li jwasslu għad-deċiżjonijiet ambjentali, fosthom il-proċedura ta' kunsens għall-iżvilupp, il-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, u jew id-definizzjoni tal-ambitu, skont ma jkun rilevanti.

(2) Jekk Stat ieħor iqis li l-ambjent taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu x'aktarx li se jintlaqat b'mod ħażin minn proġett li qed jiġi propost li jsir f'Malta u li jaqa' fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti, iżda ma tkun saret ebda notifika skont is-subregolament (1), il-Ministru għandu, fuq talba ta' dak l-Istat, jiskambja biżżejjed informazzjoni sabiex ikunu jistgħu jsiru taħditiet dwar jekk hux mistenni li jkun hemm impatt transkonfinali ħażin sinifikattiv.

(3) Jekk, skont is-subregolamenti (1) u (2), l-Istat interessat jindika lill-Ministru li beħsiebu jieħu sehem f'dawn il-proċeduri, il-Ministru għandu, jekk ma jkunx diġà għamel hekk, jibgħat lil dak l-Istat l-informazzjoni meħtieġa kif stabbilit f'dawn ir-regolamenti u, ladarba jkun ġie sottomess lill-Awtorità, ir-rapport tal-VIA.

(4) L-Istat interessat jista' jidħol f'konsultazzjonijiet mal-Ministru dwar, fost oħrajn:

(a) l-effetti transkonfinali li l-proġett jista' jkollu;

(b) alternattivi possibbli għall-proġett, fosthom l-alternattiva li ma jsir xejn jekk din tkun rilevanti;

(ċ) miżuri biex jipprevjenu, jnaqqsu, jeliminaw jew jegħlbu l-impatti transkonfinali sinifikattivi;

(d) monitoraġġ tal-effetti ta' dawn il-miżuri, u tal-proġett;

(e) assistenza reċiproka possibbli biex ikun prevenut, imnaqqas, eliminat jew megħlub xi impatt ħażin u sinifikattiv tal-proġett; u jew

(f) kwalunkwe materji oħra li jistgħu jkunu xierqa u rilevanti għall-proġett.

Għal dan il-għan, l-Istat interessat għandu jaqbel mal-Ministru dwar perjodu ta' żmien raġjonevoli għall-konsultazzjoni, li jqis ix-xorta, l-iskala u l-karatteristiċi tal-proġett propost u tal-post fejn se jsir. L-Istat interessat għandu wkoll jipprovdi minnufih lill-Ministru l-informazzjoni dwar l-ambjent li jinsab fil-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat u li jista' jintlaqat ħażin, jekk dik l-informazzjoni hija meħtieġa jew rilevanti għall-valutazzjoni.

(5) L-Istat interessat jista' jagħmel arranġamenti biex l-informazzjoni ssir disponibbli, fi żmien raġjonevoli, lill-awtoritajiet rilevanti u lill-pubbliku fit-territorju tiegħu b'tali mod li jkunu jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom fi żmien raġjonevoli u jipparteċipaw b'mod effikaċi fil-proċeduri rilevanti li jwasslu għad-deċiżjonijiet ambjentali qabel ma jingħata xi kunsens għall-proġett. L-Istat interessat għandu jibgħat l-opinjoni tiegħu lill-Ministru fiż-żmien stabbilit permezz tad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (4), u l-Ministru għandu mbagħad jgħaddi din l-opinjoni lill-Awtorità.

(6) Il-Ministru għandu jipprovdi, lill-Istat interessat, informazzjoni dwar:

(a) id-deċiżjoni finali dwar il-proġett propost;

(b) ir-raġunijiet u l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom kienet imsejsa d-deċiżjoni;

(ċ) it-termini u l-kundizzjonijiet marbuta mad-deċiżjoni, fosthom il-miżuri rilevanti biex jiġu evitati, imnaqqsa jew megħluba l-effetti ħżiena ewlenin;

(d) il-proċess għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku; u

(e) kwalunkwe informazzjoni oħra anċillari li l-Istat interessat jista' jitlob raġonevolment skont id-Direttiva jew il-Konvenzjoni, jew li l-Ministru jidhirlu li hija xierqa.

L-Istat interessat jista' jagħmel din l-informazzjoni disponibbli b'mod xieraq lill-pubbliku interessat fit-territorju tiegħu stess.

(7) Jekk xi informazzjoni ulterjuri dwar l-impatti transkonfinali sinifikattiv ta' proġett propost f'Malta, li ma kinitx disponibbli fiż-żmien li ttieħdet id-deċiżjoni u li setgħet kellha effett materjali fuq id-deċiżjoni, issir disponibbli lill-Ministru jew lil xi Stat interessat qabel ma jibda x-xogħol fuq il-proġett, il-Ministru għandu jinforma minnufih lill-Istat interessat u viċi-versa, skont ma jkun rilevanti. F'każijiet bħal dawn, kwalunkwe wieħed mill-partijiet jew it-tnejn li huma, jistgħu jitolbu li jsiru konsultazzjonijiet dwar jekk id-deċiżjoni għandhiex tiġi riveduta.

(8) Fejn il-monitoraġġ ta' proġett jew kwalunkwe analiżi oħra li ssir wara t-twettiq tal-proġett jiżvela xi impatti transkonfinali ħżiena sinjifikattivi jew xi fatturi li jistgħu jirriżultaw f'impatti bħal dawn, il-Ministru għandu minnufih jinforma lill-Istat interessat jew viċi-versa, skont ma jkun rilevanti. Iż-żewġ partijiet għandhom imbagħad jidħlu f'konsultazzjonijiet dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jipprevjenu, jnaqqsu, jeliminaw jew jegħlbu dan l-impatt, fosthom kull assistenza reċiproka f'dan is-sens.

(9) It-trasmissjoni ta' informazzjoni lill-Istat interessat, u l-irċevuta ta' informazzjoni minn dak l-Istat, għandhom ikunu soġġetti għal-limitazzjonijiet li jinsabu f'xi liġi fis-seħħ f'Malta.

Impatti transkonfinali ta' proġetti fi Stati oħra.

26. (1) Il-Ministru għandu jkollu l-jedd li jiġi notifikat minn Stat ieħor dwar kull proġett f'dak l-Istat li jista' jkollu effett potenzjalment sinifikattiv fuq l-ambjent f'Malta, kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn meta l-pubbliku f'dak l-istess Stat jiġi infurmat. Il-Ministru għandu jwieġeb għal kull notifika bħal din, billi jikkonferma li rċieva l-avviż u jindika jekk Malta hix beħsiebha tieħu sehem fil-proċeduri rilevanti skont dan ir-regolament.

(2) Jekk, wara din in-notifika, il-Ministru jkun tal-fehma li proġett propost fi Stat ieħor jista' jkollu effett potenzjalment sinifikattiv fuq l-ambjent f'Malta, jew jekk il-Ministru jidhirlu li hekk ikun xieraq skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jew tal-Konvenzjoni, għandu kemm jista' jkun malajr u fit-terminu ta' żmien speċifikat fin-notifika, jinforma lill-Istat fejn se jsir il-proġett li Malta qed titlob li tipparteċipa fil-proċeduri li jwasslu għad-deċiżjonijiet ambjentali f'dak l-Istat, fosthom il-proċedura għall-kunsens għall-iżvilupp, il-valutazzjoni tal-impatti ambjentali u jew id-definizzjoni tal-ambitu, skont kif ikun rilevanti, u għandu jitlob l-informazzjoni elenkata fis-sub-regolament (1) tar-regolament 25.

(3) Jekk il-Ministru jqis li l-ambjent taħt il-ġurisdizzjoni ta' Malta x'aktarx li jintlaqat ħażin minn proġett li qed jiġi propost li jitwettaq fi Stat ieħor, iżda ma tkun saret ebda notifika skont is-subregolamenti (1) u (2), il-Ministru għandu kemm jista' jkun malajr jitlob li dak l-Istat biex jiskambja informazzjoni suffiċjenti sabiex ikun stabbilit jekk hux mistenni li jkun hemm impatt transkonfinali ħażin sinifikattiv hekk li l-kwistjoni għandha tkun segwita ulterjorment skont dan ir-regolament.

(4) Il-Ministru għandu jgħaddi lill-Awtorità l-informazzjoni indikata fis-subregolamenti (2) u (3), skont ma jkun rilevanti. L-Awtorità għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli lill-partijiet konsultati u lill-pubbliku f'Malta hekk li jkunu jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom u jipparteċipaw b'mod effikaċi fil-proċeduri li jwasslu għad-deċiżjonijiet ambjentali qabel ma jingħata xi kunsens għall-proġett, u tista' tuża xi dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti skont ma tqis rilevanti u xieraq f'dan is-sens. Il-Ministru għandu jfittex ukoll qbil ma' l-Istat fejn se jsir il-proġett dwar żmien raġonevoli għall-konsultazzjoni, li jqis ix-xorta, l-iskala u l-karatteristiċi tal-proġett propost u l-post fejn se jsir. Il-Ministru għandu wkoll fil-pront jipprovdi lil dak l-Istat bl-informazzjoni li tista' raġjonevolment tinkiseb dwar l-ambjent fil-ġurisdizzjoni ta' Malta li jista' jiġi affettwat, jekk dik l-informazzjoni hija meħtieġa jew rilevanti għall-valutazzjoni.

(5) Il-Ministru, fuq il-parir tal-Awtorità u wara li jqis il-kummenti tal-pubbliku, għandu jidħol f'konsultazzjonijiet mal-Istat li fih se jsir il-proġett dwar, fost oħrajn, il-kunsiderazzjonijiet elenkati fis-subregolament (4) tar-regolament 25.

(6) L-Istat li fih se jsir il-proġett għandu jipprovdi informazzjoni lill-Ministru dwar l-aspetti elenkati fil-paragrafi (a) sa (d) tas-subregolament (6) tar-regolament 25, u kwalunkwe informazzjoni oħra anċillari li l-Ministru jista' raġjonevolment jitlob skont id-Direttiva jew il-Konvenzjoni. Meta l-Ministru jirċievi dik l-informazzjoni, għandu jipprovdi kopja tagħha lill-Awtorità li mbagħad għandha tippubblikaha permezz ta' mill-anqas gazzetta waħda bil-Malti u oħra bl-Ingliż li jinħarġu kuljum jew kull ġimgħa, u fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità.

(7) Jekk xi informazzjoni ulterjuri dwar l-impatt transkonfinali sinifikattiv ta' proġett propost fi Stat ieħor, li ma kinitx disponibbli meta ttieħdet id-deċiżjoni u li setgħet kellha effett materjali fuq id-deċiżjoni, issir disponibbli lill-Ministru jew lil dak l-Istat qabel ma jibda x-xogħol fuq il-proġett, il-Ministru għandu jinforma minnufih lill-Istat l-ieħor u viċi-versa, skont ma jkun rilevanti. F'każijiet bħal dawn, kwalunkwe wieħed mill-partijiet jew it-tnejn li huma jistgħu jitolbu li jsiru konsultazzjonijiet dwar jekk id-deċiżjoni għandhiex tiġi riveduta.

(8) Fejn il-monitoraġġ ta' proġett jew kwalunkwe analiżi oħra li ssir wara t-twettiq tal-proġett jiżvela xi impatti transkonfinali ħżiena sinifikattivi jew xi fatturi li jistgħu jirriżultaw f'impatti bħal dawn, il-Ministru għandu minnufih jinforma lill-Istat fejn se jsir il-proġett jew għandu jiżgura li dak l-Istat jinfurma lilu minnufih, skont ma jkun rilevanti. Iż-żewġ partijiet għandhom imbagħad jidħlu f'konsultazzjonijiet dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jipprevjenu, jnaqqsu, jeliminaw jew jegħlbu dan l-impatt, fosthom kull assistenza reċiproka li tkun possibbli f'dan is-sens.

(9) It-trasmissjoni ta' informazzjoni mill-Istat fejn se jsir il-proġett, u l-irċevuta ta' din l-informazzjoni mill-Ministru, għandhom ikunu soġġetti għal-limitazzjonijiet li huma fis-seħħ fl-Istat fejn se jsir il-proġett.

Dispożizzjonijiet komuni applikabbli għar-regolamenti 25 u 26.

27. Għall-finijiet tar-regolamenti 25 u 26:

(a) Id-diskussjonijiet, il-konsultazzjonijiet u l-għoti ta' informazzjoni jistgħu jsiru wkoll permezz ta' korp konġunt xieraq, jekk ikun jeżisti.

(b) Meta jeżerċita l-jeddijiet, id-dmirijiet u l-funzjonijiet tiegħu, il-Ministru għandu jaġixxi fuq il-parir tal-Awtorità. L-Awtorità, kif ukoll kull enti governattiv ieħor rilevanti, għandu jipprovdi lill-Ministru kull dokumentazzjoni, informazzjoni u parir li jitlob.

Diskussjonijiet ma' Stati oħra.

28. (1) Il-Ministru, fuq parir tal-Awtorità, jista' jidħol f'diskussjonijiet ma' xi Stat ieħor biex ikun stabbilit jekk proġett li mhux elenkat fl-Iskeda I jew fil-liġi ta' dak l-Istat, jew inkella ġemgħa ta' proġetti bħal dawn, huwiex mistenni li jkollu impatt transkonfinali ħażin sinifikattiv hekk li għandhom jiġu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tar-regolament 25 jew tar-regolament 26, skont ma jkun rilevanti.

Riżoluzzjoni ta' tilwim ma' Stati oħra.

(2) Il-Ministru għandu jiżgura li kwalunkwe nuqqas ta' qbil jew tilwim ma' Stat ieħor dwar kwistjonijiet marbutin ma' dawn ir-regolamenti, fosthom fehmiet differenti dwar jekk huwiex mistenni impatt transkonfinali sinifikattiv jew dwar il-proċeduri jew terminii ta' żmien li għandhom jiġu segwiti, jiġi riżolt skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u tal-Konvenzjoni, skont ma jkun rilevanti.

(3) Il-Ministru jista' wkoll jidħol f'xi ftehim ieħor bilaterali jew multilaterali ma' Stati oħra dwar materji li għandhom x'jaqsmu mal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, kif jidhirlu xieraq skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u tal-Konvenzjoni, skont ma jkun rilevanti.

Ftehim bilaterali u multilaterali.

TAQSIMA VIII
TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET U MONITORAĠĠ

Deċiżjonijiet dwar il-kunsens għall-iżvilupp.

29. L-Awtorità għandha tkun soddisfatta li l-konklużjonijiet milħuqa mill-konsulenti, kif ukoll il-valutazzjoni finali tagħha stess għall-finijiet tar-regolament 23 u kull konklużjoni, deċiżjoni u rakkomandazzjoni oħra rilevanti mil-lat ambjentali jkunu għadhom aġġornati meta jsiru jew jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-permessi rilevanti jew dwar impenji oħra dwar il-proġett, mill-awtorità responsabbli mill-permessi u l-valutazzjoni tal-impatti ambjentali tkun jew tista' tkun rilevanti għal dawk id-deċiżjonijiet jew impenji. Il-valutazzjoni finali tal-Awtorità għandha tibqa' fis-seħħ dment li l-proposta u d-dokumentazzjoni rilevanti, inklużi l-pjanti u d-disinji, li abbażi tagħhom tkun saret il-valutazzjoni, ma jkunux inbidlu b'xi mod meqjus mill-Awtorità bħala sinifikattiv. Meta tkun qed tiddeċiedi dwar il-validità ta' dik il-valutazzjoni, l-Awtorità tista' tqis ukoll iż-żmien li jkun għadda bejn id-data tal-valutazzjoni finali tagħha u t-teħid tad-deċiżjoni.

Parteċipazzjoni pubblika, notifikar u disponibbiltà ta' informazzjoni.
Kap. 552.
Sostitwit:
A.L. 455 tal-2020.

30. Il-proċeduri għan-notifika, parteċipazzjoni tal-pubbliku u d-disponibbilità tal-informazzjoni għall-pubbliku, b'rabta mad-deċiżjonijet dwar il-kunsens għall-iżvilupp għandhom isegwu d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u r-regolamenti sussidjarji tiegħu jew, fejn applikabbli, id-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra tirregola l-permessi:

Iżda jekk żvilupp ikun jaqa' taħt dawn ir-regolamenti, l-awtorità responsabbli mill-permessi għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, fl-aktar stadju bikri possibli u fi żmien raġonevoli, id-dettalji ta':

(*a*) l-awtoritajiet responsabbli mit-teħid tad-deċiżjoni;

(*b*) dawk li minn għandhom tista' tinkiseb informazzjoni relevanti;

(*ċ*) dawk li jistgħu jiġu sottomessi lilhom kummenti jew mistoqsijiet;

(*d*) l-iskeda taż-żmien li fih jistgħu jintbagħtu kummenti jew mistoqsijiet;

(*e*) in-natura tad-deċiżjonijiet possibbli u, kemm-il darba jkun jeżisti, l-abbozz tad-deċiżjoni.

Dispożizzjonijiet supplementari dwar il-kunsens għall-iżvilupp.

31. (1) L-Awtorità tista' f'kull stadju tirrakkomanda lill-awtorità responsabbli mill-permessi li l-permess għal xi proġett propost li jkun jaqa' fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti jiġi miċħud, skartat, jew ristrett b'xi mod ieħor, jekk tkun tal-fehma li:

(a) l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni jew proposta, jew fi kwalunkwe dokumentazzjoni meħtieġa skont dawn ir-regolamenti, jew fi kwalunkwe dokumentazzjoni oħra rilevanti tkun falza, frawdolenti jew qarrieqa, jew tkun gravement żbaljata hekk li tippreġudika l-effikaċja tal-valutazzjoni meħtieġa jew tqajjem xi kwistjoni identifikata fis-subregolament 10(6); jew

(b) ikun hemm nuqqas persistenti, dewwiemi, jew mhux ġustifikat fis-sottomissjoni ta' kwalunkwe informazzjoni jew dokumentazzjoni meħtieġa, jew fit-twettiq ta' kwalunkwe esiġenza li toħroġ minn dawn ir-regolamenti, skont it-termini ta' żmien u r-rekwiżiti stabbiliti mill-Awtorità; jew

(ċ) il-proġett ikollu effetti ambjentali inaċċettabbli, hekk li l-ikkunsidrar tiegħu aktar fid-dettall ikun ineffikaċi, inutli, kontroproduċenti, jew inkella jkun jikkonfliġġi ma' obbligi ambjentali oħra; jew

(d) il-proġett huwa anċillari għal, jew għandu rabta ma', xi intervent illegali, jew hu stess huwa intervent illegali, li ppreġudika b'mod sinifikattiv il-kwalità ambjentali tal-post jew tal-inħawi ta' madwaru, jew inkella li għawweġ is-sitwazzjoni tal-linja bażi b'mod sinifikattiv tant li ma tkunx tista' ssir valutazzjoni effikaċi u kif suppost.

(2) L-Awtorità tista' wkoll tirrakkomanda li xi permess ieħor għal xi proġett jiġi miċħud, skartat, jew inkella ristrett b'xi mod ieħor jekk dak il-proġett ikun jikser, jevadi, jippreġudika jew iġib fix-xejn xi kundizzjoni, limitazzjoni jew salvagwardja imposta f'permess maħruġ abbażi ta' valutazzjoni tal-impatti ambjentali.

Inkorporazzjoni ta' miżuri ambjentali u salvagwardji fil-permessi. *Emendat: A.L. 455 tal-2020.*

32. Meta jingħata kunsens għall-iżvilupp għal proġett li kien ġie soġġett għal valutazzjoni tal-impatti ambjentali jew eżami tar-rilevanza skont dawn ir-regolamenti, għandhom jgħoddu d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Kundizzjonijiet tal-permess u salvagwardji supplementari.

(a) L-Awtorità tista' tirrakkomanda lill-awtorità responsabbli mill-permessi li tinkludi kwalunkwe kundizzjonijiet u miżuri fil-kunsens għall-iżvilupp. Hija tista' tirrakkomanda wkoll emendi għall-proġett jew speċifiki dwar xi aspetti tal-proġett sabiex tiżgura li l-eżitu tal-valutazzjoni jew tal-eżami tar-rilevanza jitwettaq kif dovut, jew sabiex tevita, tipprevjeni jew tirriduċi u, jekk ikun possibbli, tegħleb l-effetti ħżiena sinifikattivi fuq l-ambjent. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, fost oħrajn:

(i) l-impożizzjoni ta’ garanziji finanzjarji favur l-Awtorità;

(ii) assigurazzjoni kontra l-ħsara lill-ambjent;

(iii) kontribuzzjonijiet lill-Fond għall-Ambjent;

(iv) is-sottomissjoni ta’ dati, informazzjoni jew dokumentazzjoni; u

(v) ħtiġijiet għal permessi ambjentali, awtorizzazzjonijiet oħrajn, u kunsiderazzjonijiet ta’ infurzar.

Monitoraġġ, sorveljanza u analiżi oħra wara li jkun inħareġ permess.

(b) L-Awtorità għandha tesiġi li jsir monitoraġġ tal-effetti rilevanti tal-proġett fuq l-ambjent, skont l-ispeċifiki u proċeduri li jidhrulha l-aktar xierqa u effikaċi sabiex jiġu evitati, prevenuti jew imnaqqsa u, jekk possibbli megħluba, l-impatti ħżiena u sinifikattivi fuq l-ambjent.

(ċ) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-monitoraġġ imwettaq skont il-paragrafu (b):

(i) il-monitoraġġ għandu jitwettaq mill-Awtorità jew minn xi persuna oħra li taġixxi fuq struzzjoni tal-Awtorità, jew bi ftehim ma’ awtoritajiet oħra, u għandu jindirizza l-effetti tal-proġett fuq l-ambjent;

(ii) it-tip ta’ parametri li għandhom jiġu indirizzati u t-tul tal-monitoraġġ, għandhom ikunu rilevanti u proporzjonati max-xorta, il-post u d-daqs tal-proġett, l-ambjent tas-sit u l-effetti li jistgħu jseħħu fuq l-ambjent;

(iii) arranġamenti eżistenti li jirriżultaw minn xi liġi oħra rilevanti jistgħu jintużaw jekk ikun xieraq, bil-ħsieb li tiġi evitata d-duplikazzjoni; u

(iv) l-Awtorità għandha titlob miżuri ta’ rimedju, fosthom aġġustamenti fil-proġett jew fil-metodoloġija tax-xogħlijiet, sabiex jiġu indirizzati għas-soddisfazzjon tagħha kwalunkwe impatti, riskji jew implikazzjonijiet avversi li jkunu ġew identifikati.

(d) L-Awtorità tista’ titlob li jsir kwalunkwe analiżi wara li jkun inħareġ il-permess skont ma jkun rilevanti, inklużi l-konferma u verifika tat-tbassir u tal-valutazzjonijiet, u tat-twettiq ta’ miżuri korrettivi.

(e) It-twettiq ta’ kwalunkwe miżura skont il-paragrafi (a) sa (d) m'għandux jitqies bħala ġustifikazzjoni

għall-proġett, u għandu jkun bla ħsara għall-valutazzjoni tal-Awtorità dwar il-merti ġenerali tal-proġett u tal-impatti u l-implikazzjonijiet tiegħu fuq l-ambjent.

Kunsiderazzjoni xierqa tal-kummenti tal-pubbliku u tal-pożizzjoni tal-Awtorità.
Miżjud: A.L. 455 tal-2020.

32A. (1) Meta l-Awtorità tipprovdi r-rakkomandazzjonijiet tagħha wara t-tlestija ta' valutazzjoni tal-impatti ambjentali, l-Awtorità għandha tqis kif dovut il-kummenti li tkun irċiviet mill-pubbliku u mill-pubbliku interessat skont dawn ir-regolamenti.

(2) Il-pożizzjoni tal-Awtorità maħruġa skont ir-regolament 23, kif ukoll kull rakkomandazzjoni magħmula mill-Awtorità skont ir-regolamenti 31 u 32, għandhom ikunu kkunsidrati b'mod xieraq mill-awtorità responsabbli mill-permessi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

TAQSIMA IX
INFURZAR

Reati u responsabbiltà.

33. (1) Kull persuna li:

(a) tipprovdi informazzjoni falza, frawdolenti jew qarrieqa li tista' tippreġudika, jew tirrendi ineffikaċi xi valutazzjoni li taqa' fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti jew twassal għal żbalji fl-ipproċessar; jew

(b) tikkaġuna xi impatt, riskju jew periklu sinifikattiv fuq l-ambjent minħabba nuqqas ta' osservanza ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew inkella minħabba osservanza li mhix sodisfaċenti, mhix kompluta jew hija tardiva; jew

(ċ) tikser xi ordni jew struzzjoni mogħtija mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti, dwar kull aspett li jista' jkollu impatt ħażin fuq l-ambjent,

tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti, u għandha meta tinsab ħatja, teħel:

(i) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500.00) u mhux aktar minn mitejn u tletin elf euro (€230,000.00), jew priġunerija għal mhux aktar minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien; u

(ii) fil-każ tat-tieni reat jew għal kull reat ieħor sussegwenti, multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000.00) u mhux aktar minn erba' mija u sittin elf euro (€460,000.00), jew priġunerija għal mhux aktar minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Il-Qorti, apparti milli tapplika s-sanzjoni msemmija fis-

subregolament (1), tista' tordna lill-ħati biex ineħħi l-kaġun tar-reat u biex jirranġa s-sitwazzjoni kif jiġi ordnat, bl-ispejjeż għall-ħati, f'terminu ta' żmien stabbilit mill-Qorti. Jekk il-ħati jonqos milli jobdi dik l-ordni fit-terminu ta' żmien stabbilit, għandu jkun soġġett għal multa ta' mhux inqas minn ħamsin euro (€50) u mhux aktar minn mija u tletin euro (€130), għal kull jum ta' inadempjenza wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit, u l-Qorti tista' wkoll tordna li tiġi modifikata, sospiża jew revokata kull awtorizzazzjoni.

(3) Kull persuna li tikser jew tonqos milli tosserva dawn ir-regolamenti tista' teħel multa amministrattiva ta' mhux iżjed minn mitt elf euro (€100,000) għal kull ksur. Il-multa amministrattiva għandha titħallas lill-Fond għall-Ambjent stabbilit fl-artikolu 32 tal-Att.

TAQSIMA X
AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA

Appelli.

34. L-appelli quddiem it-Tribunal, biex jikkontestaw deċiżjoni, att jew omissjoni b'rabta ma' xi materja regolata taħt dawn ir-regolamenti, għandhom ikunu applikabbli għal kull persuna aggravata, inklużi terzi persuni skont l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, u għandhom isegwu r-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-istess Att.

Kap. 551.

TAQSIMA XI
DISPOŻIZZJONIJIET VARJI

Kjarifiki.

35. (1) Meta l-Awtorità tagħti parir lill-iżviluppatur, lill-aġent tiegħu, jew lill-konsulenti jew tagħti xi gwida li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi, dan bl-ebda mod ma jfisser li l-Awtorità tkun qed tapprova l-proġett jew li se tirrakkomanda li l-Awtorità jew xi awtorità oħra li tieħu d-deċiżjonijiet għandhom japprovaw il-proġett propost.

(2) Ftehim dwar it-termini ta' riferiment għat-tħejjija ta' kwalunkwe studju jew dokument, fosthom iżda mhux biss, xi studju dwar il-linja bażi, deskrizzjoni tal-proġett, jew rapporti tal-VIA, kif ukoll kwalunkwe ftehim ieħor dwar il-bidu, it-tkomplija, is-sospensjoni jew il-konklużjoni ta' xi proċess li jaqa' fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti, m'għandu bl-ebda mod jitqies bħala prova favur il-proġett propost.

Kunflitt ta' interessi.

36. (1) Il-persuni u l-istituzzjonijiet kollha li jwettqu d-dmirijiet taħt dawn ir-regolamenti, fosthom l-Awtorità, awtoritajiet oħra responsabbli mill-permessi, entijiet tal-Gvern, kunsilli lokali, konsulenti involuti fil-valutazzjoni u konsulenti mqabbdin għall-monitoraġġ, għandhom jiżguraw li d-dmirijiet tagħhom jitwettqu b'mod ġust u imparzjali u li ma jsibux ruħhom f'sitwazzjoni li tagħti lok għal kunflitt ta' interessi.

(2) Meta l-Awtorità tkun hi stess l-iżviluppatur, għandha twettaq, fl-organizzazzjoni tagħha, separazzjoni xierqa bejn il-funzjonijiet kunfliġġenti meta taqdi d-dmirijiet li joħorġu minn dawn

ir-regolamenti.

(3) Il-konsulenti li huma involuti b'xi mod jew ieħor fil-valutazzjoni tal-impatti ambjentali m'għandhomx ikunu membri f'ebda korp li jieħu d-deċiżjonijiet u li jista' jkun involut fid-determinazzjoni tal-applikazzjoni jew ta' xi appell jew deċiżjoni relatat magħha.

Materji anċillari.
Emendat: XXI tal-2020.

37. (1) L-Awtorità għandha tiskambja informazzjoni mal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-esperjenza miksuba fit-twettiq tad-Direttiva permezz ta' dawn ir-regolamenti, u dwar kwistjonijiet anċillari. B'mod partikolari, kull sitt snin mis-16 ta' Mejju 2017, l-Awtorità għandha tinforma lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea dwar dawn id-dettalji jekk ikunu disponibbli:

(a) in-numru ta' proġetti li kienu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatti ambjentali;

(b) it-tqassim tal-valutazzjonijiet tal-impatti ambjentali skont il-kategoriji ta' proġetti stabbiliti f' dawn ir-regolamenti;

(ċ) in-numru ta' proġetti li jaqgħu taħt il-Kategorija II tal-Iskeda I li kienu soġġetti għal eżami tar-rilevanza skont ir-regolament 14;

(d) it-tul medju tal-proċess tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali; u

(e) stimi ġenerali dwar l-ispejjeż medji diretti tal-valutazzjonijiet tal-impatti ambjentali, inkluż l-impatt tat-twettiq ta' dawn ir-regolamenti fuq l-Intrapriżi Żgħar u Medji.

(2) L-Awtorità għandu jkollha d-dritt li titlob jew tiġbor kull informazzjoni bħal din.

Kunfidenzalità kummerċjali u industrijali, proprjetà intellettwali, u l-interess pubbliku.

38. Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti m'għandhomx jaffettwaw l-obbligu tal-Gvern ta' Malta li jirrispetta l-limitazzjonijiet imposti permezz ta' xi liġi fis-seħħ f'Malta dwar il-kunfidenzalità kummerċjali u industrijali, il-proprjetà intellettwali, u s-salvagwardja tal-interess pubbliku.

TAQSIMA XII
DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI

Valutazzjonijiet attwalment pendenti.

39. Kwalunkwe applikazzjoni jew proposta għal xi proġett elenkat fl-Iskeda I, jew inkella li jaqa' fl-ambitu tar-regolament 10, li tkun pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun regolata skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, iżda:

(a) kull valutazzjoni tal-impatti ambjentali li twettqet jew li qegħda fil-proċess li titwettaq minn konsulenti li

mhumiex reġistrati fir-Reġistru għandha titqies bħallikieku saret skont ir-regoli u regolamenti dwar ir-reġistrazzjoni tal-konsulenti fir-Reġistru, meta dan ir-Reġistru jkun fis-seħħ;

(b) il-parteċipazzjoni minn kwalunkwe persuna f'xi valutazzjoni tal-impatti ambjentali qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, u jew qabel id-dħul fis-seħħ tar-Registru, m'għandhiex titqies li tikkostitwixxi aċċettazzjoni awtomatika ta' xi applikazzjoni li ssir minn dik il-persuna għal reġistrazzjoni fir-Reġistru; u

(ċ) il-valutazzjonijiet tal-impatti ambjentali li t-termini ta' riferiment tagħhom diġà kienu kkomunikati lill-iżviluppatur qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandhom, sa fejn hu possibbli, josservaw id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti dment li l-Awtorità ma teżentax speċifikament u bil-miktub lill-iżviluppatur jew lill-konsulenti, skont ma jkun rilevanti, minn xi dispożizzjonijiet bħal dawn fil-konfront ta' xi proġett partikolari wara li tkun ikkunsidrat l-istadju avvanzat li waslet fih il-valutazzjoni tal-impatti ambjentali.

Emendat:
A.L. 455 tal-2020.

SKEDA I
(Regolament 10)

Proġetti li jeħtieġu Valutazzjoni tal-Impatti

Ambjentali *,†,‡

1. 0	**UŻU ĠENERALI TAL-ART**		
1.0.1	**Kategorija I**	**1.0.2**	**Kategorija II**
		1.0.2.1	Żvilupp fuq medda ta' 2 ha jew aktar.
2.0	**INFRASTRUTTURA TAT-TRASPORT**		
2.1	**Toroq**		
2.1.1	**Kategorija I**	**2.1.2**	**Kategorija II**
2.1.1.1[4]	Kostruzzjoni ta' awtostradi u superstradi.	2.1.2.1	Bini, skavar, jew bdil fl-allinjament ta' toroq, mini, vjadotti jew pontijiet, li mhux kopert mill-Kategorija I, jekk ikun jinsab 'il barra miż-żoni ta' żvilupp jew inkella jkun max-xifer taż-żona ta' żvilupp.
2.1.1.2	Bini ta' toroq ġodda (jew karreġġjati) b'erba' korsiji jew aktar, jew allinjament mill-ġdid u/jew twessigħ ta' triq eżistenti b'żewġ korsiji jew inqas, b'mod li joħloq erba' korsiji jew aktar, jekk dik it-triq jew sezzjoni ġdida, allinjata mill-ġdid jew imwessgħa jkollha tul kontinwu ta' 2km jew aktar.		
2.2	**Ajruporti[5]**		
2.2.1	**Kategorija I**	**2.2.2**	**Kategorija II**
2.2.1.1	Bini ta' ajruporti, pisti għall-ajruplani, u kampi tal-avjazzjoni.	**2.2.2.1**	Tkabbir ta' ajruport, pista għall-ajruplani, jew kamp tal-avjazzjoni, li mhux kopert mill-Kategorija I.
		2.2.2.2	Bini jew tkabbir ta' eliport, għajr pjattaforma għall-inżul tal-*helicopters* li tkun fi ħdan iż-żoni ta' żvilupp.
2.3	**Portijiet**		

Ara t-taqsima 6.0 – Żvilupp max-xatt jew fil-baħar.

2.4	**Trasport ieħor**		
2.4.1	**Kategorija I**	**2.4.2**	**Kategorija II**
2.4.1.1	Linji għat-traffiku ferrovjarju fuq distanza twila.	2.4.2.1	Linji għat-tram, linji ferrovjarji (kemm jekk 'il fuq mill-art, taħt l-art jew xort'oħra), linji sospiżi u strutturi oħra bħalhom, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
		2.4.2.2	Faċilitajiet għat-trasbord intermodali, jew terminali intermodali, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.

3.0	**INFRASTRUTTURA TAL-ENERĠIJA**		
3.1	**Stazzjonijiet tal-Enerġija Elettrika u Stallazzjonijiet Relatati**		
3.1.1	**Kategorija I**	**3.1.2**	**Kategorija II**
3.1.1.1	Impjanti elettriċi termiċi u installazzjonijiet oħra tal-kombustjoni li għandhom qawwa kalorifika ta' 50 megaWatt jew aktar.	3.1.2.1	Stallazzjonijiet industrijali għall-produzzjoni ta' elettriku, fwar jew misħun, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
3.2	**Enerġija Nukleari**		
3.2.1	**Kategorija I**		

* Il-kategoriji, kriterji u limiti indikati f'din l-Iskeda huma bla ħsara għall-ambitu wiesa' ta' dawn ir-regolamenti, u għall-ħtieġa li l-proġetti li aktarx li jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent jiġu soġġetti kif dovut għal valutazzjoni effikaċi. Ebda proġett m'għandu jkunu eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għax mhumiex speċifikati b'mod espliċitu jew preċiż, jew għax it-titolu jew id-deskrizzjoni tagħhom huma differenti minn dawk li jinsabu f'din l-Iskeda. F'każ ta' xi dubju dwar jekk proġett huwiex kopert minn din l-Iskeda, għandu jkun adottat il-prinċipju ta' kawtela jekk il-proġett jista' jkollu effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

† Kull fejn żvilupp jaqa' fl-ambitu ta' aktar minn kategorija waħda, jew ta' kriterju jew limitu wieħed, ta' din l-Iskeda, għandhom jgħoddu l-aktar kategorija, kriterju jew limitu esiġenti, għajr jekk jingħad il-kontra b'mod espliċitu f'din l-Iskeda.

‡ Fejn impjanti mobbli, reversibbli u/jew temporanji jkollhom il-karatteristiċi jew l-impatti ta' proġetti f'din l-Iskeda, għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. Ukoll, meta stallazzjoni tiġi spustjata għal post ieħor, il-ħtieġa għal valutazzjoni tal-impatti ambjentali jew għal eżami tar-rilevanza, skont ma jkun rilevanti, għandha titqies skont dawn ir-regolamenti.

4 Għall-finijiet ta' din l-Iskeda, "awtostradi" u "superstradi" ifissru toroq li jaqgħu fl-ambitu tad-definizzjonijiet rispettivi li hemm fil-Ftehim Ewropew dwar l-Arterji Prinċipali tat-Traffiku Internazzjonali tal-15 ta' Novembru 1975.

3.2.1.1	Impjanti tal-enerġija nukleari u reatturi nukleari[6] oħra (inklużi t-tkabbir, żarmar jew diżmissjoni tagħhom), jew stallazzjonijiet intiżi għal: (i) produzzjoni jew tqawwija ta' karburant nukleari; jew		

5 Għall-finijiet ta' din l-Iskeda, "ajruport" tfisser ajruport li jaqa' fl-ambitu tad-definizzjoni li hemm fl-Anness 14 tal-Konvenzjoni ta' Chicago tal-1944 li waqqfet l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili.

6 Impjanti tal-enerġija nukleari u reatturi nukleari oħra ma jibqgħux jitqiesu bħala tali ġaladarba l-karburant nukleari kollu u l-elementi l-oħra mniġġsa b'materjal radjuattiv ikunu tneħħew darba għal dejjem mis-sit tal-istallazzjoni.

(iii) akkumulazzjoni, ħżin, ipproċessar, ipproċessar mill-ġdid jew żmaltiment ta' karburant nukleari irradjat, skart radjuattivi (inkluż skart radjuattiv ta' livell għoli), skart tal-fissjoni nukleari, jew materjali fissili irradjati.

3.3	**Enerġija minn Sorsi li Jiġġeddu**		
3.3.1	**Kategorija I**	**3.3.2**	**Kategorija II**
		3.3.2.1	Stallazzjonijiet għall-produzzjoni tal-enerġija idroelettrika.
		3.3.2.2	Stallazzjonijiet għall-isfruttament tar-riħ għall-produzzjoni tal-enerġija (*wind farms* b'aktar minn żewġ turbini tar-riħ).

3.4	**Trażmissjoni tal-Elettriku**		
3.4.1	**Kategorija I**	**3.4.2**	**Kategorija II**
3.4.1.1	Linji tal-elettriku 'l fuq mill-art b'vultaġġ ta' 220kV jew aktar u tul ta' 1km jew aktar.	3.4.2.1	Trasmissjoni ta' enerġija elettrika permezz ta' fili 'l fuq mill-art b'vultaġġ ta' 100kV jew aktar, jekk mhix koperta mill-Kategorija I.

4.0	**RIŻORSI TAL-ILMA, DRANAĠĠ U KATUSI**		
4.1	**Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Ilma**		
4.1.1	**Kategorija I**	**4.1.2**	**Kategorija II**

4.1.1.1	Skontri jew stallazzjonijiet oħra intiżi bħala lqugħ għall-ilma jew biex jinħażen l-ilma b'mod permanenti, li: (i) għandhom tul ta' aktar minn 100 metru; jew (ii) huma ogħla minn 15-il metru.	4.1.2.1	Skontri u stallazzjonijiet oħra intiżi bħala lqugħ għall-ilma jew biex jaħżnuh għal tul ta' żmien, li mhumiex koperti mill-Kategorija I u li jikkonsistu fi skontru jew ħajt ieħor ta' lqugħ.
4.1.1.2	Xogħlijiet għat-trasferiment ta' riżorsi tal-ilma (għajr għal ilma għax-xorb mgħoddi minn ġol-kanen) bejn baċini ta' xmajjar, jekk: (i) l-ammont ta' ilma trasferit jaqbeż l-10 miljun metru kubu fis-sena, f'każ li t-trasferiment huwa ntiż biex jevita l-possibiltà ta' nuqqas ta' ilma; jew (ii) il-fluss medju tal-baċin mnejn jittieħed l-ilma, imkejjel fuq diversi snin, jaqbeż l-2,000 miljun metru kubu fis-sena u l-ammont ta' ilma trasferit jaqbeż il-5% ta' dak il-fluss, fil-każijiet l-oħra kollha.	4.1.2.2	Xogħlijiet għat-trasferiment ta' riżorsi tal-ilma bejn baċini ta' xmajjar, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
4.1.1.3	Estrazzjoni tal-ilma tal-pjan jew skemi għar-riġenerazzjoni artifiċjali tal-ilma tal-pjan, jekk il-volum ta' ilma estratt jew riġenerat huwa daqs 10 miljun metru kubu jew aktar fis-sena.	4.1.2.3	Estrazzjoni tal-ilma tal-pjan jew skemi għar-riġenerazzjoni artifiċjali tal-ilma tal-pjan, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
		4.1.2.4	Proġetti għall-ġestjoni tal-ilma għall-biedja (inklużi interventi għat-tisqija jew għall-użu ta' ilma msaffi) jew proġetti għat-tnixxif ta' artijiet mistagħdra.
		4.1.2.5	Impjanti tar-reverse osmosis jew tad-desalinizzazzjoni, li jifilħu jieħdu aktar minn 50,000m^3 kuljum.
		4.1.2.6	Xogħlijiet ta' kanalizzar jew biex jittaffa l-għargħar.
4.2	**Żvilupp marbut mad-Dranaġġ**		
4.2.1	**Kategorija I**	**4.2.2**	**Kategorija II**

4.2.1.1	Impjanti għat-tisfija ta' dranaġġ li jifilħu jieħdu l-ekwivalenti[7] ta' popolazzjoni ta' 150,000 ruħ jew aktar.	4.2.2.1	Impjanti għat-tisfija ta' dranaġġ li mhumiex koperti mill-Kategorija I.

4.3	**Katusi**		
4.3.1	**Kategorija I**	**4.3.2**	**Kategorija II**
4.3.1.1	Katusi għat-trasportar ta' gass, żejt jew kimika jekk ikopru distanza ta' 40 km jew aktar u jkollhom diametru ta' 800mm jew aktar.	4.3.2.1	Stallazzjonijiet ta' katusi għaż-żejt jew gass, jekk mhumiex koperti mill-Kategorija I.
		4.3.2.2	Akkwadotti fuq distanza twila jew katusi ewlenin tad-dranaġġ (5km jew aktar), li jinsabu 'l barra minn aċċess eżistenti għall-vetturi jew li jgħaddu minn ġo żona protetta.

7 Kif imfisser fil-punt 6 tal-artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/EEC dwar it-trattament tal-ilma urban mormi.

5.0	**ĠESTJONI U ŻMALTIMENT TAL-ISKART [8]**		
5.0.1	**Kategorija I**	**5.0.2**	**Kategorija II**
5.0.1.1	Stallazzjonijiet għall-iżmaltiment tal-iskart intiżi għall-inċenerimentiment, trattament kimiku (kif imfisser fl-Anness I tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart, taħt l-intestatura D9), jew radam ta' skart perikoluż kif imfisser f'dik id-Direttiva.	5.0.2.1	Stallazzjonijiet jew siti għall-iżmaltiment jew inċenerimentiment tal-iskart, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
5.0.1.2	Stallazzjonijiet għall-iżmaltiment tal-iskart intiżi għall-inċenerimentiment jew trattament kimiku (kif imfisser fl-Anness I tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart, taħt l-intestatura D9), ta' skart mhux perikoluż, li jifilħu 100 tunnellata jew aktar kuljum.	5.0.2.2	Siti għad-depożitar jew riċiklaġġ ta' ħama tad-dranaġġ.
5.0.1.3	Miżbliet ġodda, għajr postijiet għall-irdim ta' skart inert.	5.0.2.3	Ħżin ta' rottami tal-ħadid, inklużi vetturi rottamati.

		5.0.2.4	Stabbilimenti għall-maċell jew l-iżmaltiment ta' karkassi tal-annimali.

6.0	**ŻVILUPP MAX-XATT JEW FIL-BAĦAR (INKLUŻI PORTIJIET)**		
6.1	**Portijiet, Marini u Kanali Navigabbli**		
6.1.1	**Kategorija I**	**6.1.2**	**Kategorija II**
6.1.1.1	Kanali interni u portijiet għan-navigazzjoni fuq dawn il-kanali, li minnhom jistgħu jgħaddu bastimenti b'piż mejjet ta' 1350 tunnellata jew aktar.	6.1.2.1	Kanali interni li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
6.1.1.2	Portijiet kummerċjali, jew mollijiet għat-tagħbija u l-ħatt li jinsabu 'l barra minn portijiet eżistenti u li jistgħu jilqgħu bastimenti ta' 1350 tunnellata jew aktar.	6.1.2.2	Żvilupp jew tkabbir ta' portijiet jew stallazzjonijiet portwali (fosthom: portijiet tas-sajjieda, tarzni, mollijiet, u stazzjonijiet għar-reċiklaġġ tal-ilma tas-sentini jew għat-tindif tat-tankijiet tal-vapuri), li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
		6.1.2.3	*Marinas*

8 'Trattament' tfisser operat għall-irkuprar jew żmaltiment, inkluża t-tħejjija qabel ma jsir l-irkuprar jew żmaltiment skont id-Direttiva 2008/98/EC.

6.2	**Reklamazzjoni, Tħammil u Interventi max-Xtut**		
6.2.1	**Kategorija I**	**6.2.2**	**Kategorija II**
		6.2.2.1	Reklamazzjoni ta' art mill-baħar, jew żvilupp ieħor fil-baħar li jaffetwwa qiegħ il-baħar.
		6.2.2.2	Tħammil jew tibdil ieħor f'qiegħ il-baħar, għajr tħammil ta' manutenzjoni f'port eżistenti jew fiż-żona uffiċċjalment navigabbli tiegħu.

		6.2.2.3	Interventi mal-kosta biex irażżnu l-erożjoni, u interventi marittimi li jistgħu jbiddlu l-kosta (permezz tal-bini ta', fost oħrajn, ilqugħ għall-kenn mill-maltemp, digi, mollijiet sporġuti 'l barra, mollijiet għall-irmiġġ, strutturi li jżommu r-ramel, ħitan mal-baħar, strutturi biex itaffu l-mewġ, tumbati f'qiegħ il-baħar, u interventi oħra biex jilqgħu kontra l-mewġ), li mhumiex koperti mill-Kategorija I, ħlief għall-manutenzjoni u tiswija ta' interventi bħal dawn.
6.2.1.1	Ħolqien ta' xtajta jew ramla ġdida.	6.2.2.4	Tkabbir, tibdil jew riforniment ta' xtajta jew ramla eżistenti.
6.3	**Interventi oħra mal-Kosta jew f'Qiegħ il-Baħar**		
6.3.1	**Kategorija I**	**6.3.2**	**Kategorija II**
6.3.1.1	Siti għad-depożitar jew rimi ta' skart fil-baħar.	6.3.2.1	Ħolqien jew tkabbir ta' sikek artifiċjali jew tibdil fihom, jew tgħarriq ta' bastimenti f'qiegħ il-baħar.
		6.3.2.2	Bini ta' salini fuq medda ta' $1000m^2$ jew aktar.
		6.3.2.3	Żvilupp fuq il-kosta jew fil-baħar, dment li mhuwiex kopert mill-Kategorija I, li għandu impronta ta' $500m^2$ jew aktar.
		6.3.2.4	Bdil fl-użu tal-art jew tal-baħar, fuq medda ta' 1 ha jew aktar.

7.0	**ŻVILUPP URBAN U PROĠETTI RIKREATTIVI**		
7.1	**Proġetti ta' Żvilupp Urban**		
7.1.1	**Kategorija I**	**7.1.2**	**Kategorija II**

		7.1.2.1	Proġetti li: (i) jokkupaw medda ta' art ta' 3ha jew aktar; jew (ii) għandhom spazju komplessiv ta' 30,000m^2 jew aktar; jew (iii) għandhom spazju komplessiv ta' 10,000m^2 jew aktar għall-użu kummerċjali, inklużi ħwienet, ċentri kummerċjali, uffiċċji jew negozji oħra.
7.1.1.1	Bini jew tkabbir ta' lukandi, kumplessi turistiċi, villaġġi turistiċi, ostelli, alloġġ, djar tax-xjuħ, sptarijiet jew żvilupp ančillari, jekk ikun kompletament jew parzjalment 'il barra miż-żoni ta' żvilupp u: (i) jkun jesa' 250 sodda jew aktar; jew (ii) ikollu spazju komplessiv ta' 10,000m^2 jew aktar; jew jokkupa medda ta' art ta' 2.5 ha jew aktar.	7.1.2.2	Bini jew tkabbir ta' lukandi, kumplessi turistiċi, villaġġi turistiċi, ostelli, djar tax-xjuħ, sptarijiet jew żvilupp ančillari, jekk ikun kompletament jew parzjalment 'il barra miż-żoni ta' żvilupp u mhux koperti mill-Kategorija I.
		7.1.2.3	Parkeġġi li għandhom spazju komplessiv ta' 15,000m^2 jew aktar, jew 600 post ta' parkeġġ jew aktar.
7.2	**Stabbilimenti Rikreattivi jew Sportivi**		
7.2.1	**Kategorija I**	**7.2.2**	**Kategorija II**
7.2.1.1	Pisti tal-golf.	7.2.2.1	Parki tematiċi.
		7.2.2.2	Pisti permanenti għat-tlielaq jew għall-provi b'vetturi motorizzati.
		7.2.2.3	Pisti għal ski, ski-lifts, funikulari, u żviluppi b'rabta magħhom.
		7.2.2.4	Siti permanenti għall-kampijiet jew għall-*caravans*.
8.0	**AGRIKOLTURA**		
8.1	**Irziezet għat-trobbija tal-annimali, stalel, eċċ.**		
8.1.1	**Kategorija I**	**8.1.2**	**Kategorija II**

8.1.1.1 Stabbiliment ġdid jew stallazzjoni ġdida, jew tkabbir tagħhom, għall-produzzjoni tat-tiġieġ, li għandhom postijiet (jew spazju ekwivalenti) għat-tkabbir intensiv ta' 85,000 tiġieġa tas-simna, jew inkella 60,000 tiġieġa li tbid, jew aktar.

8.1.1.2 Stabbiliment ġdid jew tkabbir tiegħu, li għandhom postijiet għat-tkabbir intensiv ta' aktar minn 3,000 majjal tas-simna li jiżen 'il fuq minn 30kg, jew inkella li għandhom postijiet għal aktar minn 900 ħanżira.

8.1.2.1 Stabbiliment ġdid jew tkabbir tiegħu għall-produzzjoni tat-tiġieġ, li għandu postijiet (jew spazju ekwivalenti) għat-tkabbir intensiv ta' 40,000 tiġieġa tas-simna, jew inkella 40,000 tiġieġa li tbid, jew aktar.

8.1.2.2 Stabbiliment ġdid, jew tkabbir tiegħu, li għandu postijiet għat-tkabbir intensiv ta' aktar minn 2,000 majjal li jiżen 'il fuq minn 30kg, jew inkella li għandu postijiet għal 750 ħanżira jew aktar.

8.1.2.3 Stabbiliment ġdid għat-trobbija tal-baqar, jew it-tkabbir tiegħu, jekk għandu postijiet (jew spazju ekwivalenti) għal 300 baqra għall-produzzjoni tal-ħalib, jew inkella għal 300 baqra għall-produzzjoni taċ-ċanga, jew għal aktar.

8.1.2.4 Stabbiliment ġdid, jew it-tkabbir tiegħu, għat-trobbija tal-fniek, jekk għandu postijiet (jew spazju ekwivalenti) għal 3,000 fenka jew aktar.

8.1.2.5 Stabbiliment ġdid, jew it-tkabbir tiegħu, għat-trobbija tal-papri, dundjani, wiżż, paguni, farawni jew tjur oħra, jekk għandu postijiet (jew spazju ekwivalenti) għal 10,000 tajra jew aktar.

8.1.2.6 Stabbiliment ġdid, jew it-tkabbir tiegħu, għat-trobbija tan-ngħaġ jew mogħoż, jekk għandu postijiet (jew spazju ekwivalenti) għal 800 bhima jew aktar.

8.1.2.7 Stalel jew irziezet, jekk għandhom postijiet (jew spazju ekwivalenti) għal 50 żiemel (jew inkella annimali simili eż. ħmir, ponies jew bgħula) jew aktar.

		8.1.2.8	Stabbiliment ġdid, jew it-tkabbir tiegħu, b'taħlita ta' annimali tal-irziezet jista' jeħtieġ valutazzjoni tal-impatti ambjentali skont it-tip u d-daqs tal-iżvilupp, il-medda tas-sit, u l-post fejn jinsab.
		8.1.2.9	Kwalunkwe stabbiliment fejn jitrabbew: (i) annimali eżotiċi (e.g. emu, ngħam, kangaroos, jew kukkudrilli), kemm jekk ikunu għall-konsum kif ukoll jekk le; jew (ii) annimali oħra (eż. bebbux, insetti jew żrinġijiet) li jistgħu joħolqu żbilanċ ekoloġiku jew impatti oħra jekk jaħarbu fis-salvaġġ.
		8.1.2.10	Żviluppi fuq medda ta' 8,000m^2 jew aktar.

8.2	**Akkwakultura**		
8.2.1	**Kategorija I**	**8.2.2**	**Kategorija II**
8.2.1.1	Stabbilimenti tal-akkwakultura għal kwalunkwe tip ta' ħlejqa akkwatika (inklużi stabbilimenti għat-trobbija tal-ħut, mafqas, gaġeg jew vaski għat-trobbija tat-tonn maqbud, stabbilimenti għat-trobbija tal-frott tal-baħar jew tal-krostaċei, unitajiet għall-produzzjoni tal-ħaxix tal-baħar, jew stabbilimenti simili), jew it-tkabbir ta' stabbiliment eżistenti, jekk ikopru medda ta' 2 ha jew aktar u jkunu sa 6km mill-kosta.	8.2.2.1	Stabbilimenti tal-akkwakultura għal kwalunkwe tip ta' ħlejqa akkwatika (inklużi stabbilimenti għat-trobbija tal-ħut, mafqas, gaġeg jew vaski għat-trobbija tat-tonn maqbud, stabbilimenti għat-trobbija tal-frott tal-baħar jew tal-krostaċei, unitajiet għall-produzzjoni tal-ħaxix tal-baħar, jew stabbilimenti simili), jew it-tkabbir ta' stabbiliment eżistenti, jew kwalunkwe faċilità ančillari, jekk mhumiex koperti mill-Kategorija I.

8.3	**Żviluppi oħra agrikoli jew relatati**		
		8.3.2	**Kategorija II**
		8.3.2.1	Proġetti għar-ristrutturar ta' oqsma ta' art rurali.
		8.3.2.2	Proġetti għall-użu ta' art mhix maħduma jew ta' żoni semi-naturali għal skopijiet agrikoli intensivi.

		8.3.2.3	Afforestazzjoni inizjali u deforestazzjoni sabiex l-art tiġi kkonvertita għal użu ieħor.
9.0	**BARRIERI, ESTRAZZJONI TA' MINERALI U INTERVENTI RELATATI**		
9.0.1	**Kategorija I**	**9.0.2**	**Kategorija II**
9.0.1.1	Barrieri, minjieri mikxufin jew proġetti għall-estrazzjoni ta' minerali jew peat, jew it-tkabbir tagħhom, jekk il-medda proposta hija ta' 3 ha jew aktar.	9.0.2.1	Barrieri, minjieri mikxufin jew minjieri taħt l-art, jew proġetti għall-estrazzjoni ta' minerali jew peat, kif ukoll it-tkabbir tagħhom jew stallazzjonijiet anċillari 'l fuq minn wiċċ l-art jew taħt wiċċ l-art, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
		9.0.2.2	Estrazzjoni ta' minerali permezz ta' tħammil ta' qiegħ il-baħar, qiegħ ta' xmara jew qiegħ ta' wied.
		9.0.2.3	Ir-restawr u l-użu mill-ġdid ta' barrier eżistenti jew żdingati abbandunata, għajr it-treġġigħ lura tas-sit għall-istat verġni tiegħu.
		9.0.2.4	Impjanti għall-ipproċessar tal-ġebel li ma jinsabux ġo barriera eżistenti u operattiva u li mhumiex koperti mill-Kategorija I. ***Nota:*** *L-Awtorità tista' telimina din il-ħtieġa fil-każ ta' impjanti li jkunu fil-konfini ta' sit li jkun approvat għall-iskavar, jekk tkun tal-fehma li dan jiffaċilita l-użu mill-ġdid tal-materjal skavat insitu u jnaqqas l-impatt ħażin fuq l-ambjent, u dment li l-istallazzjoni tat-tali impjant ma tevadi ebda salvagwardja ambjentali importanti ta' xi pjan approvat għall-ġestjoni tax-xogħlijiet.*
10.0	**ESTKAZZJONI, ĦŻIN U PPROĊESSAR TA' GASSIJIET, KARBURANTI U KIMIKA**		
10.0.1	**Kategorija I**	**10.0.2**	**Kategorija II**

10.0.1.1	Estrazzjoni ta' żejt u gass naturali għal skopijiet kummerċjali, jekk l-ammont estratt jeċċedi 500 tunnellata kuljum fil-każ taż-żejt u 500,000 metru kubu kuljum fil-każ tal-gass.	10.0.2.1	Stallazzjonijiet industrijali għall-estrazzjoni tal-faħam, żejt, gass naturali, minerali jew xisti bituminużi, jekk mhumiex koperti mill-Kategorija I.
		10.0.2.2	Stallazzjonijiet għall-ħżin, 'il fuq minn wiċċ l-art jew inkella taħt l-art, ta' gassijiet kombustibbli jew gass naturali, li jesgħu 100 tunnellata jew aktar u mhux koperti mill-Kategorija I.
10.0.1.2	Stallazzjonijiet għall-ħżin ta' żejt, prodotti petrolkimiċi, jew prodotti kimiċi li jesgħu 200,000 tunnellata jew aktar.	10.0.2.3	Stallazzjonijiet għall-ħżin ta' żejt, kombustibbli magħmul mill-fossili, prodotti petrolkimiċi, jew prodotti kimiċi, li jesgħu 50,000 tunnellata jew aktar u li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
10.0.1.3	Raffineriji għall-gass jew għaż-żejt mhux maħdum.	10.0.2.4	Żvilupp jew tkabbir ta' stazzjonijiet li jipprovdu l-karburanti, inklużi stazzjonijiet tal-petrol u stazzjonijiet għad-distribuzzjoni tal-gass.
10.0.1.4	Stallazzjonijiet għall-gassifikazzjoni jew tidwib tal-faħam jew tax-xisti bituminużi.	10.0.2.5	Fran għall-produzzjoni ta' faħam irfinut (distillazzjoni xotta tal-faħam).
		10.0.2.6	Stallazzjonijiet għall-kompressjoni industrijali tal-faħam u l-linjite.
		10.0.2.7	Stallazzjonijiet industrijali għall-ġarr ta' gass, fwar tal-misħun, u misħun.

11.0 QBID TAL-KARBONJU, ĦŻIN ĠEOLOIKU U TĦAFFIR FIL-FOND

11.0.1	**Kategorija I**	**11.0.2**	**Kategorija II**

11.0.1.1	Stallazzjonijiet biex jinqabdu flussi ta' diossidu tal-karbonju (CO_2) għall-finijiet ta' ħżin ġeoloġiku skont id-Direttiva 2009/31/KE minn stallazzjonijiet koperti mill-Kategorija I, jew inkella fejn il-qbid totali tad-diossidu tal-karbonju (CO_2) ikun ta' 1.5 megatunnellati jew aktar fis-sena.	11.0.2.1	Stallazzjonijiet biex jinqabdu flussi ta' diossidu tal-karbonju (CO_2) għall-finijiet ta' ħżin ġeoloġiku skont id-Direttiva 2009/31/KE minn stallazzjonijiet li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
11.0.1.2	Katusi għat-trasport ta' flussi tad-diossidu tal-karbonju (CO_2) għall-finijiet ta' ħżin ġeoloġiku, inklużi l-istazzjonijiet biex itejbu l-fluss tagħhom, jekk ikollhom diametru ta' 800mm jew aktar, u jkunu jkopru distanza ta' 40 km jew aktar.	11.0.2.2	Stallazzjonijiet ta' katusi għat-trasport ta' flussi tad-diossidu tal-karbonju (CO_2) għall-finijiet ta' ħżin ġeoloġiku, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
11.0.1.3	Siti għall-ħżin skont id-Direttiva 2009/31/KE dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju (CO_2).	11.0.2.3	Tħaffir fil-fond, b'mod partikolari t-tħaffir ġeotermiku, it-tħaffir għall-ħżin ta' skart nukleari, jew it-tħaffir għall-provvista tal-ilma iżda, sakemm ma jkunux mistennija effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, eskluż it-tħaffir intiż għall-istħarriġ dwar l-istabbilità tal-art.

12.0	**ŻVILUPP INDUSTRIJALI**		
12.1	**Ipproċessar ta' Minerali**		
12.1.1	**Kategorija I**	**12.1.2**	**Kategorija II**
12.1.1.1	Stallazzjonijiet għall-estrazzjoni, produzzjoni, trattament, trasformazzjoni u ipproċessar ta' asbestos jew prodotti li fihom l-asbestos, inklużi l-manifattura ta' prodotti magħmulin mill-asbestos cement.	12.1.2.1	Stallazzjonijiet għall-manifattura jew produzzjoni ta' prodotti tal-asbestos, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
12.1.1.2	Stallazzjonijiet għall-manifattura ta' prodotti magħmulin minn materjal għall-frizzjoni li fih l-asbestos, li jifilħu 50 tunnellata jew aktar fis-sena.	12.1.2.2	Stallazzjonijiet għat-tidwib ta' sustanzi minerali jew għall-produzzjoni ta' fibri minerali, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.

12.1.1.3	Stallazzjonijiet għall-manifattura, produzzjoni jew użu ta' prodotti oħra li fihom l-asbestos u li jifilħu 200 tunnellata jew aktar ta' asbestos fis-sena.	12.1.2.3	Stallazzjonijiet għall-manifattura ta' fibri minerali artifiċjali.
12.1.1.4	Stallazzjonijiet għall-produzzjoni jew manifattura tas-siment.	12.1.2.4	Kalkari tal-ġir.
		12.1.2.5	Stallazzjonijiet għall-produzzjoni ta' blokok tal-konkos, bricks, asfalt jew tarmac.
		12.1.2.6	Stallazzjonijiet għall-manifattura tal-ħġieġ jew tal-fibra tal-ħġieġ.
		12.1.2.7	Stallazzjonijiet għall-manifattura ta' prodotti taċ-ċeramika permezz tan-nar, b'mod partikolari l-madum għas-soqfa, bricks, bricks refrattarji, madum, gres jew porċellana.
12.2	**Produzzjoni u Ipproċessar ta' Metalli**		
12.2.1	**Kategorija I**	**12.2.2**	**Kategorija II**
12.2.1.1	Stallazzjonijiet għall-produzzjoni ta' ħadid fondut, azzar jew metalli oħra permezz ta' tisħin u tidwib, inklużi xogħlijiet integrati għat-tisħin u tidwib inizjali.	12.2.2.1	Stallazzjonijiet fejn jinkwew il-minerali, jew inkella fejn il-minerali mfarrkin jiġu magħqudin f'pellets jew fejn il-frak tal-minerali jiġi ppressat f'massa solida, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
12.2.1.2	Stallazzjonijiet għall-produzzjoni ta' metalli mhux ferrużi u mhux raffinati, jew inkella tal-liġi tagħhom, minn minerali jew minn konċentrati, jew inkella minn materji primi li ġejjin minn materjal skartat, permezz ta' proċessi metallurġiċi, kimiċi jew elettrolitiċi.	12.2.2.2	Funderiji u foroġ għall-metalli ferrużi, u stallazzjonijiet għall-produzzjoni ta' ħadid mhux maħdum jew azzar (fużjoni primarja jew sekondarja) inklużi continuing casting, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.

		12.2.2.3	Stallazzjonijiet għall-ipproċessar ta' metali ferrużi, inklużi: (i) stabbilimenti għal-laminazzjoni ta' metall sħun; (ii) foroġ li jaħdmu bl-imrietel; u (iii) il-kisi b'saffi protettivi ta' metall imdewweb.
		12.2.2.4	Stallazzjonijiet għall-produzzjoni jew ipproċessar (fosthom illjegar, estrazzjoni permezz ta' tisħin u tidwib, raffinar, ġbid u rrumblar) ta' metalli mhux ferrużi għajr metali prezzjużi inklużi prodotti rkuprati (raffinar, iffurmar ġo funderija, eċċ.), li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
		12.2.2.5	Stallazzjonijiet għat-trattament fuq barra, u mill-kisi ta' materjali magħmulin mill-metall jew plastik, permezz ta' proċessi elettrolitiċi jew kimiċi.
		12.2.2.6	Manifattura jew assemblaġġ ta' vetturi motorizzati jew manifattura ta' magni għall-vetturi motorizzati.
		12.2.2.7	Tarzni.
		12.2.2.8	Stallazzjonijiet għall-bini jew għat-tiswija ta' ajruplani jew inġenji tal-arju.
		12.2.2.9	Manifattura ta' tagħmir għal-linji ferrovjarji.
		12.2.2.10	Forġatura permezz ta' splussivi.
12.3	**Industrija Kimika**		
12.3.1	**Kategorija I**	**12.3.2**	**Kategorija II**
12.3.1.1	Stallazzjonijiet kimiċi integrati (jiġifieri stallazzjonijiet għall-manifattura ta' sustanzi fuq skala industrijali, permezz ta' proċessi ta' konverżjoni kimika li fihom għadd ta' unitajiet imqegħdin qrib xulxin u marbutin funzjonalment ma' xulxin) għall-produzzjoni ta': (i) kimika bażika organika jew inorganika;	12.3.2.1	Trattament ta' prodotti intermedji u produzzjoni ta' kimiċi, li mhux koperti mill-Kategorija I.

	(ii) fertilizzanti bbażati fuq il-fosfru, in-nitroġenu jew il-potassju (fertilizzanti sempliċi jew komposti);		
	(iii) prodotti bażiċi għas-saħħa tal-pjanti jew bioċidi;		
	(iv) prodotti farmaċewtiċi bażiċi permezz ta' proċess kimiku jew bioloġiku;		
	(v) splussivi; jew		
	(vi) kwalunkwe prodott ieħor li mhux elenkat hawn, iżda li jeħtieġ trattament simili.		
		12.3.2.2	Produzzjoni ta' pestiċidi, prodotti farmaċewtiċi, żebgħa, verniċi, elastomeri jew perossidi, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
12.4	**Industrija tal-Ikel**	**12.4.2**	**Kategorija II**
		12.4.2.1	Manifattura ta' żjut u xaħmijiet veġetali jew li ġejjin mill-annimali.
		12.4.2.2	Ippakkjar ta' prodotti veġetali jew li ġejjin mill-annimali, jew it-tqegħid tagħhom f'bottijiet.
		12.4.2.3	Manifattura ta' prodotti tal-ħalib.
		12.4.2.4	Produzzjoni ta' infużjonijiet jew fermentazzjoni tax-xgħir.
		12.4.2.5	Manifattura ta' ħelu jew xiropp.
		12.4.2.6	Stallazzjonijiet għat-tbiċċir tal-annimali.
		12.4.2.7	Stallazzjonijiet għall-manifattura tal-lamtu industrijali.
		12.4.2.8	Fabbriki għall-impasti magħmulin mill-ħut jew għaż-żjut magħmulin mill-ħut.
		12.4.2.9	Fabbriki taz-zokkor.

12.5	**Industriji tat-Tessuti, tal-Ġilda, tal-Injam, tal-Karti u tal-Gomma**		
12.5.1	**Kategorija I**	**12.5.2**	**Kategorija II**
12.5.1.1	Impjanti industrijali għal: (a) produzzjoni ta' polpa mill-injam jew materjali fibrużi bħalu; jew (b) produzzjoni ta' karta jew injam rikostitwit, jekk il-kapaċità tal-produzzjoni tiżboq 200 tunnellata kuljum.	12.5.2.1	Impjanti industrijali għall-produzzjoni ta' karta jew injam rikostitwit, li mhumiex koperti mill-Kategorija I.
		12.5.2.2	Impjanti għat-trattament preliminari (eż. ħasil, kandeġġjar, jew merċerizzar) jew tintura ta' fibri jew tessuti.
		12.5.2.3	Kunzeriji jew impjanti għall-ikkunzar tal-ġlud.
		12.5.2.4	Stallazzjonijiet għall-ipproċessar jew produzzjoni taċ-ċellulosa.
		12.5.2.5	Manifattura jew trattament ta' prodotti bbażati fuq elastomeri.

12.6	**Industriji Oħra**		
		12.6.2	**Kategorija II**
		12.6.2.1	Stallazzjonijiet għall-irkupru jew distruzzjoni ta' sustanzi splussivi.
		12.6.2.2	Bankijiet ta' prova għal magni, turbini jew reatturi.

12.7	**Oqsma Industrijali**		
12.7.1	**Kategorija I**	**12.7.2**	**Kategorija II**
		12.7.2.1	Proġetti għall-iżvilupp ta' oqsma industrijali.

13.0	**BIDLIET JEW ESTENSJONIJIET GĦAL PROĠETTI APPROVATI, U RIATTIVAZZJONI TA' PROĠETTI**		
13.0.1	**Kategorija I**	**13.0.2**	**Kategorija II**
13.0.1.1	Kull tibdil fi, jew tkabbir ta', proġetti (anke jekk il-proġett ikun diġà awtorizzat, eżegwit jew fil-proċess li jkun eżegwit) jekk it-tibdil jew tkabbir innifsu jilħaq il-limiti jew il-kriterji stabbiliti fil-Kategorija I.	13.0.2.1	Kull tibdil fi, jew tkabbir ta', proġetti (anke jekk il-proġett ikun diġà awtorizzat, eżegwit jew fil-proċess li jkun eżegwit), b'mod partikolari proġetti koperti mill-Kategorija I jew mill-Kategorija II, jekk it-tibdil jew tkabbir innifsu mhuwiex kopert mill-Kategorija I iżda: (i) jissoddisfa l-limiti jew il-kriterji stabbiliti fil-Kategorija II; jew (ii) jista' jkollu effetti ħżiena u sinjifikattivi fuq l-ambjent.
		13.0.2.2	Proġetti fil-Kategorija I, li jsiru esklussivament jew primarjament għall-iżvilupp u sabiex jiġu ppruvati metodi jew prodotti ġodda, u li ma jkunux intużaw għal aktar minn sentejn.

SKEDA II
(Regolament 12)

Informazzjoni li għandha tingħata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett

1. Deskrizzjoni tal-proġett, inklużi b'mod partikolari:

   (a) deskrizzjoni tal-karatteristiċi fiżiċi tal-proġett kollu, li tinkludi d-daqs, l-iskala, id-disinn u t-tqassim tal-proġett, u li tkopri x-xogħlijiet kollha ta' bini, twaqqigħ u skavar tħaffir;

   (b) deskrizzjoni tal-post fejn ikun se jsir il-proġett, li tinkludi l-konfini tas-sit murija b'mod ċar fuq mappa, b'attenzjoni partikolari għas-sensittività ambjentali taż-żoni ġeografiċi li x'aktarx jiġu affettwati;

   (ċ) deskrizzjoni tal-operat mistenni u tal-fluss tal-proċess (fejn ikun il-każ), b'mod li jidentifika n-natura ta' x'jidħol fil-proċess, x'jgħaddi mill-proċess, x'jiġi prodott u l-proċessi rilevanti; u

   (d) il-ħtiġijiet anċillari, inklużi iżda mhix biss, l-arranġamenti għall-aċċess u għall-parkeġġ, u s-servizzi infrastrutturali.

2. Deskrizzjoni tal-aspetti tal-ambjent li x'aktarx ikunu affettwati mill-proġett.

3. Deskrizzjoni, safejn ikun possibbli abbażi tal-informazzjoni disponibbli, tal-effetti li l-proġett mistenni jkollu fuq l-ambjent minħabba:

   (a) bidliet ikkaġunati lis-sit;

   (b) ir-residwi u emissjonijiet mistennija u l-produzzjoni ta' skart, fejn ikunu rilevanti; u

   (ċ) l-użu ta' riżorsi naturali, b'mod partikolari l-ħamrija, l-art, l-ilma u l-biodiversità.

   Il-kriterji tal-Iskeda III għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni, fejn ikunu rilevanti, fil-ġbir tal-informazzjoni skont il-paragrafi 1 sa 3 ta' hawnhekk.

SKEDA III
(Regolament 14)

Kriterji li għandhom jiġu applikati fl-eżami tar-rilevanza

L-eżami tar-rilevanza għandu jindirizza tal-anqas il-kriterji segwenti, skont ma jkun rilevanti għall-proġett u l-kuntest tiegħu. L-aspetti identifikati fl-Iskeda IV jistgħu wkoll jiġu indirizzati, sa fejn ikun rilevanti u proporzjonat għall-finijiet tal-eżami tar-rilevanza, u dment li l-informazzjoni u l-kunsiderazzjonijiet meħtieġa jkunu raġjonevolment disponibbli meta jkun qed isir l-eżami tar-rilevanza.

1. Karatteristiċi tal-proġett

Għandhom jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi tal-proġett, b'mod partikolari:

(a) ix-xorta, id-daqs, l-iskala u d-disinn tal-proġett kollu;

(b) l-akkumulazzjoni, interazzjoni jew interferenza ma' proġetti oħra li huma eżistenti, approvati jew prevedibbli;

(ċ) l-użu jew konsum ta’ riżorsi naturali, b'mod partikolari l-art, il-ħamrija, l-ilma u l-biodiversità;

(d) il-produzzjoni ta’ skart;

(e) tniġġis, inkonvenjenzi u disturbi lill-inħawi;

(f) ir-riskju u l-implikazzjonijiet ta' inċidenti kbar jew diżastri li jistgħu jkunu rilevanti għall-proġett, fosthom dawk marbutin mal-bidla klimatika, skont l-għarfien xjentifiku, kif ukoll il-vulnerabbiltà, l-espożizzjoni u r-reżiljenza tal-proġett u taż-żona ta’ influwenza tiegħu fil-konfronti tagħhom; u

(g) ir-riskji għal saħħet il-bniedem (per eżempju minħabba tinġis tal-ilma jew tniġġis tal-arja).

2. Il-post fejn se jsir il-proġett

Għandha tiġi kkunsidrata s-sensittività ambjentali taż-żoni ġeografiċi li x'aktarx jiġu affettwati mill-proġett, b'mod partikolari:

(a) l-użu eżistenti u approvat tal-art;

(b) l-abbundanza relattiva, id-disponibbilità, il-kwalità u s-sensittività tar-riżorsi naturali, il-ħamrija, l-art, l-ilma, l-ekosistemi u l-biodiversità fiż-żona u taħt l-art tagħha, u kemm dawn jistgħu jirriġeneraw irwieħhom;

(ċ) il-valur ta’ konservazzjoni li għandu l-ambjent, u kemm l-ambjent jiflaħ għall-impatt, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni li ġejjin:

  (i) artijiet mistagħdra, imġieri u ż-żoni ta’ madwarhom, masses naturali ta’ ilma inklużi l-ħażniet tal-pjan, widien u l-baċini idrografiċi tagħhom, u fatturi oħra li għandhom rilevanza idroloġika;

  (ii) żoni mal-kosta, u l-ambjent tal-baħar;

  (iii) żoni tal-muntanji u foresti;

  (iv) riservi naturali u parki;

(v) żoni li huma klassifikati, protetti jew nominati għall-konservazzjoni taħt kwalunkwe liġi rilevanti għall-ambjent inklużi, *inter alia,* żoni klassifikati jew protetti skont il-liġijiet nazzjonali jew inkella nominati taħt xi ftehim, konvenzjoni jew protokoll supranazzjonali, kif ukoll siti Natura 2000;

(vi) żoni li fihom diġà mhux qed jintlaħqu n-normi ta' kwalità ambjentali stabbiliti fi kwalunkwe liġi rilevanti, jew fejn jitqies li hemm tali nuqqas, jew inkella fejn xi limiti massimi jew minimi rilevanti huma qrib li jinqabżu, jew fejn il-proġett x'aktarx li se jwassal għal piż miżjud li ma jistax jiġi sostnut għax il-kapaċità tal-ambjent ma tiflaħx għalih;

(vii) żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni;

(viii) pajsaġġi, siti u karatteristiċi ta' importanza panoramika, storika, kulturali jew arkeoloġika; u

(ix) ambjenti naturali u semi-naturali, jew karatteristiċi ambjentali oħra li għandhom importanza magħrufa jew potenzjali mil-lat xjentifiku, ġeoloġiku, ekoloġiku jew b'valur ieħor ta' wirt naturali.

3. Tip u karatteristiċi tal-impatti potenzjali

L-effetti sinjifikattivi li l-proġett jista' jkollu fuq l-ambjent għandhom jiġu kkunsidrati b'rabta mal-kriterji stabbiliti taħt il-paragrafi 1 u 2 ta' din l-Iskeda, filwaqt li jitqiesu:

(a) ix-xorta tal-impatt;

(b) il-kobor u l-firxa ġeografika tal-impatt (per eżempju, iż-żona ġeografika u d-daqs tal-popolazzjoni li aktarx tintlaqat);

(ċ) in-natura transkonfinali tal-impatt, jekk tkun rilevanti (speċjalment fil-każ ta' proġetti li jinsabu qrib il-konfini nazzjonali jew proġetti li jistgħu joħolqu effetti sinjifikattivi 'l bogħod mis-sit tal-proġett);

(d) l-intensità u l-kumplessità tal-impatt, inklużi l-impatti diretti kif ukoll l-implikazzjonijiet indiretti ta' interazzjoni ma' proċessi naturali jew ma' impatti oħra;

(e) il-probabbiltà li l-impatt iseħħ;

(f) meta huwa mistenni li jibda l-impatt, u d-durata, il-frekwenza u l-grad ta' riversibbiltà mistennija;

(g) l-akumulazzjoni tal-impatt mal-effetti ta' proġetti oħra li huma eżistenti, approvati jew prevedibbli; u

(h) il-possibbiltà li l-impatt jitnaqqas jew jiġi evitat b'mod effikaċi, u l-affidabbiltà li biha l-impatt jista' jkun previst, aċċertat, sorveljat, ġestit u indirizzat.

SKEDA IV
(Regolament 16)

Informazzjoni għar-Rapport tal-VIA

Fejn tinħtieġ valutazzjoni tal-impatti ambjentali, l-informazzjoni li għandha tingħata fir-rapport tal-VIA għandha tinkludi, skont ma jkun rilevanti:

1. Deskrizzjoni tal-proġett u l-iskop tiegħu, inklużi b'mod partikolari:

(a) deskrizzjoni tal-karatteristiċi fiżiċi (inklużi d-disinn, id-daqs u l-karatteristiċi rilevanti oħra) tal-proġett kollu u ta' kull xogħol ta' twaqqigħ, u tal-użu tal-art meħtieġ matul il-fażijiet ta' kostruzzjoni, operat u diżmissjoni;

(b) deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-fażi operattiva tal-proġett (b'mod partikolari kull proċess ta' produzzjoni), per eżempju, ir-rikjesta għall-enerġija u l-enerġija użata, ix-xorta u l-kwantità tal-materjali u r-riżorsi naturali użati (inklużi l-ilma, l-art, il-ħamrija u l-biodiversità); u

(ċ) stima, maqsuma skont it-tip u l-kwantità, tal-fdalijiet u l-emissjonijiet mistennija (inklużi: it-tniġġis tal-ilma, l-arja, il-ħamrija u s-sottoswol; storbju, vibrazzjonijiet, dawl, sħana, u radjazzjoni; u l-kwantitajiet u t-tipi ta' skart) mistennija li jirriżultaw mill-fażijiet ta' bini, operat u diżmissjoni tal-proġett propost.

2. Deskrizzjoni tal-post fejn se jsir il-proġett u l-linja bażi tiegħu, b'attenzjoni partikolari għall-karatteristiċi tas-sit u tal-madwar u għas-sensittività ambjentali taż-żoni ġeografiċi li x'aktarx jiġu affettwati.

3. Deskrizzjoni tal-alternattivi raġjonevoli li ġew studjati mill-iżviluppatur (*inter alia*, f'termini ta' disinn tal-proġett, teknoloġija, post, daqs u skala), u spjegazzjoni tar-raġunijiet ewlenin għal għażla li saret, inklużi l-effetti tal-proġett fuq l-ambjent imqabbla mal-effetti ambjentali tal-alternattivi l-oħra kkunsidrati. L-'għażla żero' (jiġifieri x-xenarju li fih ma jsir ebda żvilupp) ukoll għandha titqies b'mod xieraq.

4. Deskrizzjoni tal-aspetti rilevanti tal-istat attwali tal-ambjent (linja bażi) u ħjiel ġenerali dwar kif dan x'aktarx li jevolvi jekk ma jsirx il-proġett, safejn il-bidliet naturali meta mqabbla mal-linja bażi jistgħu jiġu valutati bi sforz raġjonevoli abbażi tal-informazzjoni ambjentali u l-għarfien xjentifiku disponibbli.

5. Deskrizzjoni tal-aspetti tal-ambjent li x'aktarx jiġu affettwati b'mod sinjifikattiv mill-proġett, inkluż, b'mod partikolari u skont ma jkun rilevanti:

(a) il-popolazzjoni u saħħet il-bniedem;

(b) il-biodiversità u l-ekoloġija, inklużi iżda mhux biss, l-ispeċi u l-ambjenti li huma protetti taħt liġijiet oħra;

(ċ) l-ambjent fiżiku, inklużi: l-art; il-blat (inklużi l-blat tas-sottoswol, u l-formazzjonijiet ġeoloġiċi, fiżjografiċi, ġeomorfoloġiċi, litostratigrafiċi, u paleontoloġiċi); il-ħamrija (inklużi l-kompożizzjoni tal-ħamrija u l-materja organika, l-erożjoni, it-tbattim u s-siġillar); l-ilma (inklużi l-ħażniet tal-pjan, in-nixxigħat, il-korpi tal-ilma u l-formazzjonijiet idroloġiċi, l-idromorfoloġija, il-kwantità u l-kwalità tal-ilma); l-arja (inkluża l-kwalità

tal-arja); kif ukoll karatteristiċi oħra naturali u l-kombinazzjoni ta’ tali formazzjonijiet u karatteristiċi;

(d) il-klima u d-dinamika ambjentali (fosthom l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta’ serra, u l-kunsiderazzjonijiet rilevanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima);

(e) l-ambjent tal-kosta u tal-baħar;

(f) strutturi fiżiċi eżistenti, assi materjali u wirt kulturali (inklużi aspetti arkitettoniċi, storiċi u arkeoloġiċi);

(g) il-pajsaġġ u l-kwalità viżiva, kif ukoll siti jew żoni li għandhom valur mil-lat xjentifiku jew panoramiku, jew inkella f’termini ta’ konservazzjoni jew sbuħija naturali;

(h) riżorsi naturali u proċessi naturali; u

(i) il-kombinazzjonijiet, ir-rabtiet u l-interazzjonijiet bejn il-fatturi msemmija hawn fuq, kif ukoll il-forzi u l-proċessi naturali u antropoġeniċi li jaffettwawhom.

6. Deskrizzjoni tal-effetti sinjifikattivi li l-proġett jista’ jkollu fuq l-ambjent minħabba, *inter alia*:

(a) il-kostruzzjoni u l-eżistenza tal-proġett inklużi, fejn ikunu rilevanti, xogħlijiet ta’ twaqqigħ;

(b) l-użu ta’ riżorsi naturali, b’mod partikolari l-art, il-ħamrija, l-ilma u l-biodiversità, filwaqt li kemm jista' jkun titqies id-disponibbiltà sostenibbli ta’ dawn ir-riżorsi;

(ċ) l-emissjoni ta’ inkwinanti, storbju, vibrazzjonijiet, dawl, sħana u radjazzjoni; il-ħolqien ta' inkonvenjenzi; u r-rimi u l-irkupru ta’ skart;

(d) ir-riskji għal saħħet il-bniedem, għall-wirt kulturali u għall-ambjent (per eżempju minħabba inċidenti jew diżastri);

(e) l-akkumulazzjoni tal-effetti tal-proġett ma’ dawk ta’ proġetti oħra eżistenti u/jew approvati, wara li jitqiesu l-problemi ambjentali eżistenti, iż-żoni ta’ importanza ambjentali partikolari li x'aktarx jiġu affettwati, u l-użu ta' riżorsi naturali;

(f) l-impatt tal-proġett fuq il-klima (per eżempju x-xorta u l-kwantità ta’ emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta’ serra), u l-vulnerabbiltà tal-proġett u tal-inħawi tiegħu għat-tibdil fil-klima;

(g) it-teknoloġiji u s-sustanzi użati; u

(h) ir-rekwiżiti anċillari tal-proġett u l-operat tiegħu, u kull intervent jew pressjoni oħra fuq l-ambjent li x'aktarx li jinħolqu minħabba l-proġett.

Id-deskrizzjoni tal-effetti x'aktarx sinjifikattivi fuq l-ambjent għandha tkopri l-effetti diretti u kull effett indirett, sekondarju, kumulattiv u transkonfinali tal-proġett, kemm jekk għal terminu qasir jew għal terminu medju jew fit-tul, permanenti jew temporanju, pożittiv jew negattiv. Din id-deskrizzjoni għandha tqis ukoll l-objettivi u l-miri għall-protezzjoni ambjentali stabbiliti fil-livell nazzjonali jew supranazzjonali li huma rilevanti għall-proġett.

7. Deskrizzjoni ċara tal-metodi tat-tbassir, l-evidenza u t-tagħrif ambjentali użati biex jidentifikaw u jivvalutaw l-effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, kif ukoll kull is-suppożizzjonijiet sottostanti u d-diffikultajiet u l-inċertezzi (per eżempju nuqqasijiet tekniċi jew nuqqasijiet fl-għarfien) li qamu waqt il-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa.

8. Deskrizzjoni tal-karatteristiċi tal-proġett u tal-miżuri oħra li huma maħsuba biex jevitaw, jipprevjenu, inaqqsu jew jegħlbu l-effetti ħżiena u sinifikattivi li jista' jkun hemm fuq l-ambjent u, fejn ikun xieraq, tal-arranġamenti biex tkun sorveljata l-effikaċja tagħhom, inkluża kull analiżi oħra rilevanti li għandha ssir wara it-tlestija tal-proġett. Id-deskrizzjoni għandha tidentifika:

(a) il-limitazzjonijiet ta' dawn il-fatturi u miżuri;

(b) kemm l-effetti ħżiena u sinjifikattivi fuq l-ambjent se jiġu tassew evitati, impeduti, imnaqqsa jew megħluba; u

(ċ) il-livell ta' kunfidenza f'dawn il-karatteristiċi u miżuri.

Id-deskrizzjoni għandha tkopri l-fażijiet kollha (inklużi l-fażijiet ta' kostruzzjoni, operat u diżmissjoni) li jkunu rilevanti għall-proġett. Il-konsulenti għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li l-karatteristiċi u l-miżuri rakkomandati huma fattibbli, jistgħu tassew jitwettqu, huma affidabbli, ma jiddependux fuq fatturi li l-iżviluppatur m'għandux kontroll effettiv fuqhom, jistgħu jkunu verifikati, u huma infurzabbli.

9. Deskrizzjoni tal-effetti u l-implikazzjonijiet sinjifikattivi li l-proġett mistenni jkollu fuq l-ambjent minħabba l-vulnerabbilità, l-espożizzjoni u r-reżiljenza tal-proġett u ż-żona ta' influwenza tiegħu għal kull riskju rilevanti ta' xi inċident kbir jew diżastru. Għal dan il-għan tista' tintuża informazzjoni rilevanti li tkun inkisbet jew tkun saret disponibbli permezz ta' valutazzjonijiet tar-riskju imwettqin skont id-Direttiva 2012/18/UE jew id-Direttiva 2009/71/Euratom jew permezz ta' valutazzjonijiet rilevanti li twettqu taħt liġijiet oħra, dment li l-ħtiġiet ta' dawn ir-Regolamenti jkunu sodisfatti. Fejn ikun xieraq, din id-deskrizzjoni għandha tinkludi:

(a) il-miżuri intiżi sabiex jipprevjenu jew inaqqsu l-effetti ħżiena u sinjifikattivi li avvenimenti bħal dawn jista' jkollhom fuq l-ambjent; u

(b) dettalji dwar jekk hemmx arranġamenti xierqa għal tali emerġenzi, u dwar ir-respons propost f'każ li l-emerġenza sseħħ.

10. Proposta ta' programm għas-sorveljanza tas-sit u tal-impatti ambjentali tal-proġett waqt il-fażijiet ta' kostruzzjoni, operat u diżmissjoni, skont ma jkun rilevanti. Il-proposta għandha tinkludi wkoll identifikazzjoni tad-dokumentazzjoni li l-iżviluppatur għandu jżomm għal dan il-għan, kif ukoll indikazzjoni ta' kull miżura oħra ulterjuri li għandha tittieħed abbażi tal-eżitu tas-sorveljanza.

11. Identifikazzjoni, sa fejn huwa rilevanti mil-lat ambjentali, tal-permessi meħtieġa għall-operat, awtorizzazzjonijiet oħra meħtieġa, u kwalunkwe projbizzjoni, limitazzjonijiet jew obbligu impost minn liġijiet nazzjonali, tal-Unjoni Ewropea jew internazzjonali, skont ma jkun applikabbli jew prevedibbli.

12. Sommarju mhux tekniku tat-tagħrif provvdut skont l-intestaturi ta' hawn fuq.

13. Lista ta' referenza li tipprovdi d-dettalji tas-sorsi użati għad-deskrizzjonijiet u għall-valutazzjonijiet li huma inklużi fir-rapport.